MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2020

Rikors Kostituzzjonali Numru 67/2020 LM

**Yorgen Fenech**

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat u s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Kostituzzjonali ppreżentat fl-4 ta' Mejju, 2020 mir-rikorrent **Yorgen Fenech** (K.I. 36482M) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"), li jgħid:

A. ***Punti Fattwali li wasslu għall-lanjanza tal-artikolu 34(1) (f) kif moqri mal-artikolu 34(3)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem kif moqri mal-artikolu 5(3) tal-istess Konvenzjoni u tal-artikolu 5(4) tal-istess Konvenzjoni;***

1. *Illi nhar il-20 ta' Novembru 2019 l-esponenti ġie arrestat. Huwa ingħata* l-Police Bail *għal diversi drabi. Sussegwentement, nhar it-30 ta' Novembru 2019 ġie preżentat taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja;*

2. *Illi minn dakinhar issokta s-smigħ tal-kumpilazzjoni odjerna fejn l-esponenti kellu l-aħħar udjenza tiegħu fl-20 ta' Frar 2020. Dan jfisser li l-esponenti ilu kważi sitt xhur detenut taħt arrest preventiv;*

3. *Illi permezz ta' ordni tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, nhar il-13 ta' Marzu 2020 gie ordnat l-għeluq ħesrem tal-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta u t-twaqqif* sine die *tal-kumpilazzjonijiet kollha. Liema ordni* 'għanda tibqa' fis-seħħ sakemm tiġi revokata mis-Suprintendent';[1]

4. *Illi minħabba dan l-iżvilupp leġislattiv, nhar il-1 ta' April 2020, l-esponenti intavola talba* ai termini *tal-artikolu 412B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għaliex huwa ħass li minħabba l-għeluq tal-Qrati u t-twaqqif* sine die *tal-kumpilazzjonijiet, iż-żamma tiegħu taħt arrest preventiv saret waħda indefinita u leżiva tad-dritt fondamentali tal-libertà. Preċiżament, r-rikorrent ilmenta li l-arrest tiegħu ma għadux konformi mal-liġi b'dan li l-Liġi u cioé l-Avviżi Legali 61 u 65 tas-sena 2020 ma joffru l-ebda sens ta' ċertezza legali u protezzjoni kontra l-applikazzjoni arbitrarja tagħhom;*

5. *Illi l-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha ta' nhar it-2 ta' April 2020 ċaħdet it-talba tar-rikorrent. In sostenn ta' hekk il-Qorti* obiter *qalet li* 'ma jidhrix illi r-rikorrenti għamel xi talba lil din l-Qorti sabiex tissokta l-kumpilazzjoni' *u* 'ir-rikorrenti ma għandux raġun meta jgħid illi huwa jinsab arrestat b'mod indefinit u dan għaliex huwa għandu rimedju ... huwa jista' jadixxi lil Qorti sabiex din tħares minn dak li huwa qiegħed jibża' u ċioé li jkun hemm id-detenzjoni ulterjuri tiegħu mingħajr ma jingħata smigħ;'

6. *Illi sussegwentement nhar is-6 ta' April 2020, l-esponent għamel talba għall-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha ta' nhar is-7 ta' April 2020 caħdet din it-talba.* Obiter, *il-Qorti ddekretat li r-rikorrent* 'jista' dejjem jagħmel talba *ad hoc* quddiem din il-Qorti sabiex il-każ tiegħu jitkompla billi l-Avukat Ġenerali jiġi ordnat jirrinvija l-atti lil-Qorti tal-Maġistrati sabiex tissokta l-kumpilazzjoni'. *Il-Qorti kompliet u qalet* **'il-qrati tal-ġustizzja għandhom xorta waħda jagħtu smigħ liċ-ċittadin, kif ingħad fil-każijiet indikati fir-regolament 3(2) tal-Avviż Legali 61 tal-2020;'**[2] *(sottolinear tal-esponenti)*

---

[1] Avviz Legali 65 tas-sena 2020 u ara ukoll Avviż Legali 61 tas-sena 2020 kif trasposti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 465.19 u 465.17 tal-Liġi ta' Malta rispettivament.
[2] Digriet tal-Qorti Kriminali ta' nhar it-2 ta' April 2020.

7. *Illi għalhekk, nhar it-8 ta' April 2020 l-esponenti għamel talba* ai termini *tal-artikolu 3(2) tal-Avviż Legali 61 tas-sena 2020 sabiex tissokta l-kumpilazzjoni odjerna;*

8. *Illi però, il-Qorti Kriminali kif diversament preseduta, dakinhar stess tat-8 ta' April, caħdet it-talba tal-esponent biex tissokta l-kumpilazzjoni u* obiter *qalet li wara li* 'qieset l-element tal-urġenza u l-interess pubbliku li l-kompilazzjoni ta' provi f'kawża kriminali ġġorr magħha f'keffa minnhom, kif ukoll id-delikatezza tas-sitwazzjoni u r-riskju tat-tixrid tal-marda COVID-19 jekk il-kompilazzjoni tiġi ordnata li tissokta... għanda tipprevali l-konsiderazzjoni tas-saħħa pubblika... inkluż dik tar-rikorrent innifsu;'

9. *Illi l-esponent għamel talba oħra għal-ħelsien mill-arrest nhar is-16 ta' April 2020 fejn l-Avukat Ġenerali oġġezzjona abbazi ta'* inter alia *n-nuqqas ta' bdil fiċ-cirkostanzi, l-bizgħa ta' intralċ ta' provi u l-bizgħa li r-rikorrent jista' jinħeba jew jaħrab minn Malta. Din it-talba ġiet miċħuda nhar il-21 ta' April 2020. Fid-digriet taċ-ċaħda l-Qorti Kriminali* obiter *qalet li 'Din il-Qorti kif diversament preseduta kienet diġà għamlet l-analiżi u l-apprezzament tagħha tal-maġġior parti tal-argumenti prinċipali mressqa mir-rikorrent quddiema f'anqas minn ġimgħatejn bejn digriet u ieħor' u li '*<u>**il-libertajiet tal-persuni kollha li jinsabu Malta gew ristretti**</u> *(sottolinear tal-Qorti)* **... fil-fatt l-għeluq ta' diversi istituzzjonijiet, negozji u postijiet tax-xogħol huma restrizzjoni tal-libertajiet tal-persuni ta' Malta ... li jaffetwaw lil kulħadd fil-laħam il-ħaj;'** *(sottlinear tal-esponenti)*

10. *Illi bir-rispett kollhu, dan ir-raġunar donnu qiegħed jekwipara l-għeluq tal-*hairdressers *u tar-restoranti mad-dritt fondamentali tal-libertà pendenti l-arrest preventiv meta wieħed għadu preżunt innoċenti. Dan jfisser li l-Ġustizzja ġewwa Malta ma hijiex essenzjali imma anzi hija dispensabbli;*

11. *Illi l-Qorti fid-digriet appena ċitat* obiter *tkompli billi taċċenna għall-istultifikar tal-kumpilazzjoni odjerna 'minħabba li bħalissa Malta maħkuma mill-pandemija tal-COVID 19 li wasslet għal dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza pubblika;'*

12. *Illi bir-rispett, dan huwa raġunar perikoluż immens. Il-Qrati Ewropej dejjem kienu ċari li d-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif sanċiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta* ***qatt ma jistgħu jigu derogati. Deroga mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem tista' issir biss b'dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza pubblika kif imfisser fil-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*** *Bir-rispett kollu d-dikjarazzjoni ta' emerġenza tas-saħħa pubblika magħmula permezz tal-*

*Leġislazzjoni Sussidjarja 465.36 ma tikkwalifikax bħala dak maħsub mill-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni. Dak maħsub fil-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ma sarx;*

13. *Illi fir-rigward tal-Leġislazzjoni Sussidjara 465.17 u 465.19 tal-Liġi ta' Malta huwa tajjeb li wieħed jgħid li s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika hija l-unika persuna vestita bis-saħħa li tiftaħ il-Qorti ta' Malta u li tordna l-issuktar tat-termini legali. Din ma hijiex kariga indipendenti u distinta mill-Gvern Malti b'dan li ma tgawdix minn dak hekk imsejjaħ* security of tenure.[3] *Dan jfisser li deċiżjoni tant importanti bħal dik li terġa' tinfetaħ il-Qorti tal-Ġusizzja ta' Malta jew li jkomplu l-ħinijiet legali hija waħda arbitrarja bl-ebda sens ta' oġġettività jew kriterji ċari;*

14. *Illi għalhekk, in vista tal-Leġislazzjoni Sussidjara 465.17 u 465.19 u l-interpretazzjoni ta' din l-Liġi fid-digriet tal-Qorti Kriminali ta' nhar it-8 ta' April 2020 l-esponenti jissottometti li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tiegħu taħt arrest preventiv hija waħda arbitrarja, indefinita u iċċaħħdu minn li jikseb rimedju effettiv. Dan b'leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu senjatament tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem kif moqri mal-artikolu 5(3) tal-istess Konvenzjoni u tal-artikolu 5(4) tal-istess Konvenzjoni;*

***B. Ġurisprudenza u priniċipji tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta u tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem***

15. *Illi flimkien, l-artikolu 5(1)(ċ) u l-artikolu 5(3) jipprovvdu li bniedem arrestat fuq suspett raġjonevoli li kkommetta reat kriminali għandu garanzija kontra arrest arbitrarju jew inġust;*[4]

16. *Illi huwa paċifiku fid-duttrina tal-Qorti Ewropea li l-legalità tal-arrest* 'is not satisfied merely by compliance with the relevant domestic law; domestic law must itself be in conformity with the Convention, including the general principles expressed or implied in it'.[5] *B'dan għalhekk Artikolu 5 ghandu marbut miegħu* 'the principle of the rule of law and, connected to the latter,

[3] Appell fl-Iskozja fil-kawza "Clancy vs Dempsey Caird", deċiża fl-4 ta' April, 2000 kif kwotata fil-każ ta' Anthony Grech vs Claire Calleja et deċiża Qorti Civili Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007 Rikors Numru. 11/2007.
[4] See Stephens v. Malta (No. 2), ECtHR, Application No. 33740/06, 21 April 2009, para. 52; Aquilina v. Malta, ECtHR, Application No. 25642/94, 29 April 1994, para. 47; S., V. and A. v. Denmark, ECtHR [GC], Applications Nos. 35553/12, 36678/12 and 36711/12, 22 October 2018, para. 73; Baranowski v. Poland, Application No. 28358/95, 31 July 2000, para. 51.
[5] Plesó v. Hungary, § 59.

that of legal certainty ... and the principle of protection against arbitrariness which is, moreover, the very aim of Article 5';[6]

17. *Illi kif ukoll l-Qorti Ewropea tistabbilixxi li* 'In laying down that any deprivation of liberty must be effected "in accordance with a procedure prescribed by law", Article 5 § 1 does not merely refer back to domestic law ... it also relates to the "quality of the law". "Quality of law" in this sense implies that where a national law authorises deprivation of liberty it must be sufficiently accessible, precise and foreseeable in its application, in order to avoid all risk of arbitrariness. Factors relevant to this assessment of the "quality of law" – which are referred to in some cases as "safeguards against arbitrariness" – will include the existence of clear legal provisions for ordering detention, for extending detention, and for setting time-limits for detention;[7]

18. *Illi dwar il-prinċipju taċ-ċertezza legali, l-istess Qorti tesiġi li* 'the law itself be foreseeable in its application'.*[8] Fil-kaz ta'* ***Amuur v France***[9] *u* ***Baranowski v Poland***[10] *il-Qorti Ewropea saħqet fuq l-importanza li l-Liġi tkun ċara, l-fatt li* 'detention could continue for an **unlimited and unpredictable** period was contrary to the principle of legal certainty'.[11] *Dan, bir-rispett, qatt ma jista' jingħad għas-sitwazzjoni odjerna, fejn L.S 465.19 u 465.17 għalqu l-Qrati u ssospendew* sine die *l-kumpilazzjoni odjerna;*

19. *Illi dwar l-arbitrarjetà ta' arrest, l-Qorti Ewropea tirraġuna li* 'a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and thus contrary to the Convention'.[12] *Huwa ta' min jinnota li* '... the lack of a **time-limit** (sottolinear tal-esponenti) for the lower court to re-examine his detention or [for his continued detention], was found to render the applicant's detention arbitrary';[13]

20. *Illi fil-kaz ta'* ***Hassan v. France***[14] *il-Qorti Ewropea sabet leżjoni tad-Dritt Fondamentali għal-libertà tal-persuna. Dan għaliex il-Liġi Franċiża dwar l-arrest u d-detenzjoni tar-rikorrenti ma kienetx ċara biżżejjed dwar it-temporalità u kundizzjonijiet tal-arrest preventiv. Il-Qorti ddeċidiet li l-Liġi Franċiża* 'did not include any rules for the conditons of detention pending an

[6] Simons v. Belgium (dec.), § 32.
[7] J.N. v. the United Kingdom, § 77.
[8] Ara ukoll Del Río Prada v. Spain [GC], § 125; Creangă v. Romania, § 120; and Medvedyev and Others v. France [GC], § 80).
[9] (App. 19776/92), 25 ta' Gunju 1996.
[10] (App. 28358/95), 28 ta' Marzu 2000.
[11] Bernadette Rainey, Elizabeth Wicks and Clare Ovey, *Jacobs, White and Ovey The European Convention on Human Rights* (7th Edition Oxford 2017), 241.
[12] Creangă v. Romania, § 84; A. and Others v. the United Kingdom [GC], § 164.
[13] Guide on Article 5 of the Convention – Right to liberty and security (2nd edition) pg 9; ara ukoll Khudoyorov v. Russia, §§ 136-37.
[14] (App. 46695/10), 4 ta' Dicembru 2014 u ara ukoll Ali Samatar v France (App. 17110/10), 4 ta' Dicembru 2014.

appearance before a competent legal authority. There was not sufficient protection against arbitrariness';[15]

21. *Illi wieħed jista' jagħmel paragun mal-każ ta'* ***Louled Massoud v. Malta***[16] *fejn ir-rikorrent kien detenut abbażi tal-Att dwar l-Immigrazzjoni li dakinhar* '[the Act], applied no limit to detention ... [thus], the applicant was subject to an indeterminate period of detention'. *Hawnhekk il-Qorti Ewropea sabet leżjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Bl-istess mod, L.S 465.19 u 465.17 qiegħdin jirrendu ż-żamma taħt arrest tal-esponent bħala waħda indefinita;*

22. *Illi ta' min ukoll jsemmi l-Qrati ta' Malta mhux l-ewwel darba li kienu rinfaċċjati b'sitwazzjoni simili bħal dik odjerna. Dawn dejjem irraġunaw li s-sitwazzjoni tal-persuna miżmuma b'arrest preventiv hija sitwazzjoni delikata immens tant li* 'akkużat li ma jkunx ingħatalu l-ħelsien mill-arrest **għandu** (sottolinear tal-esponenti) jinġieb quddiem il-Qorti darba kull ħimstax -il ġurnata biex il-Qorti tiddeċiedi jekk għandux jibqa' arrestat';[17]

23. *Illi huwa paċifiku li* 'l-interpretazzjoni tat-terminu "fi zmien raġjonevoli" fis-subinciz 3 tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni għandu jingħata interpretazjoni aktar stretta mill-istess terminu kif użat fl-artikolu 6(1). **Dan għaliex fl-ewwel każ si tratta ta' konsiderazzjoni tal-fatt li l-persuna akkużata tkun ddetenuta u mċaħħda mil-libertà tagħha tistenna proċeduri kontra tagħha u mhux konsiderazzjoni ta' tul ta' <u>proċeduri</u>** *(sottolinear tal-Qorti)* **kriminali kif hu fit-tieni każ'** *(sottolinear tal-esponenti);*[18]

24. *Illi ta' min jsemmi l-każ ta'* ***Edwin Bartolo u Alfred Desira v Aġent Reġistratur tal-Qrati et.***[19] *fejn senjatament l-imputati Edwin Bartolo u Alfred Desira kienu preżentati taħt arrest, l-ħelsien mill-arrest tagħhom ma ġiex konċess u għalhekk inżammu arrestati. Għal xi raġuni jew oħra l-Qorti tal-Maġistrati iddiferiet is-smigħ tal-każ mingħajr data u b'hekk il-provi ma setgħux jinstemgħu. L-imputati Bartolo u Desira għamlu talba quddiem il-Prim Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fejn dik l-Qorti iddikjarat li s-sospensjoni tal-każ mingħajr data huwa pależament kontra id-drittijiet tal-imputat għall-smigħ fi żmien raġjonevoli u l-Qorti għanda tirrikjama l-każ u tisma' t-talba għall-ħelsien mill-arrest.* Obiter *il-Qorti irraġunat li bil-fatt* 'li [Il-Qorti tal-Maġistrati]

[15] Bernadette Rainey, Elizabeth Wicks and Clare Ovey, *Jacobs, White and Ovey The European Convention on Human Rights* (7th Edition Oxford 2017), 243.
[16] no. 24340/08, 27 July 2010.
[17] Edwin Bartolo u Alfred Desira v Agent Reġistratur tal-Qrati in rappreżentanza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, presjeduta mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna u l-Kummissarju tal-Pulizija deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' April 1989 u konfermata mil-Qorti Kostituzzjonali nhar il-15 ta' Frar 1991; ara ukoll ir-*ratio legis* tal-Artikolu 401 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li juri l-importanza li jagħti l-leġislatur lill-pożizzjoni ta' persuna miżmuma b'arrest meta għadha preżunta innoċenti.
[18] Emanuela Brincat v Avukat Ġenerali deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-21 ta' Frar 1996, 32.
[19] Ibid (n 17).

irrimandat id-deċiżjoni tagħha bil-mod deskritt fil-paragrafu preċedenti [mingħajr data tal-kawża], dik il-Qorti privat lir-rikorrenti mill-possibilità tal-ottjeniment tal-libertà proviżjorja...';

25. *Illi l-Avukat Ġenerali jissottometti u l-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha tas-7 ta' April tirrimarka* obiter *li* '[ir-rikorrent] jista' dejjem jagħmel talba *ad hoc* quddiem din il-Qorti sabiex il-każ tiegħu jitkompla billi l-Avukat Ġenerali jiġi ordnat jirrinvija l-atti lil-Qorti tal-Maġistrati sabiex tissokta l-kumpilazzjoni';
26. *Illi f'sitwazzjoni analoga fejn l-prosekuzzjoni bl-istess mod kienet pruvat tixħet l-oneru ta' kif għandhom jigu kondotti l-proċeduri fuq l-imputat, il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta'* ***Angelo Vella v. L-Onorevoli Prim Ministru et***[20] *iddeplorat dan il-ħsieb.* Obiter *il-Qorti rrimarkat li* 'ma jidrilhiex li l-intimati kienu għal kollox korretti meta donnhom riedu jixħtu l-oneru ta' kif u meta għandhom jiġu kondotti l-proċeduri kriminali fuq ir-rikorrenti'. *Fil-fatt,* 'the person concerned is required only to show diligence in carrying out the procedural steps relating to him... He is under **no duty to take action which is not apt for that purpose'**;[21] *(sottolinear tal-esponenti)*

27. *Illi l-Qorti Kostituzzjonali fil-każ supra ċitat tkompli tgħid li kieku '[ir-rikorrent] talab għall-akkorċjament taż-żmien u t-talba tiegħu ġiet injorata, allura l-każ tiegħu seta' kien differenti'* (hawnhekk il-Qorti kienet ċaħdet it-talba tar-rikorrent Vella). *L-esponenti fil-każ odjern mhux biss għamel talba biex tissokta l-kumpilazzjoni tiegħu, imma din it-talba ġiet miċħuda;*[22]

28. *Illi kif ġie deċiż fi-każ ta'* ***Carmel Mifsud et v. Onorevoli Prim Ministru***[23] *fl-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 34(3):*

> *'(10) Jekk ma jidhirx li l-proċediment jista jsir fi żmien raġjonevoli, l-imputat għandu jingħata l-libertà provviżorja'*

***C. Lanjanzi mqajma mir-rikorrent u l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza u priniċipji tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta u tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem fl-isfond tal-lanjanzi kif identifikati***

***a. Il-Leġislazzjoni Sussidjarja 465.17 u 465.19 tal-Liġi ta' Malta***

29. *Illi s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, permezz tal-Avviż Legali 61 u 65 tas-sena 2020 kif trasposti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 465.17 u 465.19 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat it-twaqqif* sine die *taż-żminijiet legali kollha u l-għeluq*

[20] Deċiża nhar it-18 ta' Lulju 1990 per Imħallef William Harding, Imħallef Joseph Herrera u Imħallef Carmelo Agius.
[21] Ara Guincho v. Portugal tal-10 ta' Lulju 1984 (Application no. 8990/80).
[22] Digriet tal-Qorti Kriminali ta' nhar it-8 ta' April 2020.
[23] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali per Imħallef William Harding, fil-10 ta' Lulju 1990.

*ħesrem tal-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta. Dan wassal biex li l-kumpilazzjoni odjerna kontra l-esponent ma tistax tkompli. Għalhekk, l-esponent jinsab miżmum b'arrest preventiv mingħajr data ta' smigħ tal-każ tiegħu;*

30. *Illi l-esponent jilmenta li l-Liġi appena ċitata tirrendi ż-żamma tiegħu taħt arrest preventiv għal żamma indefinita u arbitrarja. Dan għaliex l-għeluq ħesrem tal-Qrati ta' Malta u t-twaqqif* sine die *tal-kumpilazzjoni odjerna qatt ma tista' tiggarantixxi smigħ fi żmien raġjonevoli kif sanċit mill-Kostituzzjoni ta' Malta. Ta' min jgħid li l-Istat kif rappreżentat mill-Avukat Ġenerali u l-Uffiċjal Prosekutur għandu* 'the obligation to bring everyone arrested or detained ... before a judge for the purpose of examining the question of deprivation of liberty **or for the purpose of deciding on the merits'** *(sottolinear tal-esponenti);*[24]

31. *Illi dan mhux biss, imma l-Liġi kif promulgata ma toffri l-ebda sens ta' temporalità imma sempliċement kollox huwa imwaqqaf* sine die. *Il-Qrati Ewropej saħqu li Liġi promulgata b'dan il-mod* '[can] not satisfy the test of foreseeability'[25] *u li* '"safeguards against arbitrariness" – will include the existence of clear legal provisions for ordering detention, for extending detention, **and for setting time-limits for detention**'.[26] *Ir-rizultat ta' dan hu li l-esponent huwa miżmum taħt arrest preventiv mingħajr smigħ u mingħajr data ta' smigħ;*

32. *Illi kif ser jkun spjegat iktar l-isfel f'dan ir-rikors, l-esponenti lanqas għandu rimedju* ***effettiv*** *għar-reviżjoni tal-ħelsien mill-arrest tiegħu u dan għaliex l-Avukat Ġenerali qiegħed iżomm l-atti għandu bir-riżultat li, mingħajr preġudizzju, iċ-ċirkostanzi ravviżati fil-artikolu 575 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jibqgħu dejjem l-istess. Dan jilledi d-dritt tiegħu kif sanċit fil-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea;*

33. *Illi din il-Liġi ċertament ma tissodisfax il-kweżiti ta' ċertezza legali, protezzjoni mill-arbitrarjetà u l-ġudizzju f' 'żmien raġjonevoli'*[27]*. It-twaqqif taż-żmien għall-kollox qatt ma jista' jitqies bħala żmien raġjonevoli;*

34. *Illi kif ukoll, l-esponenti jilmenta li l-Liġi supra indikata hija arbitrarja u tbiddel ż-żamma taħt arrest preventiv tal-esponenti għal wieħed indefinit. Ta' min wieħed ifakkar li l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jħaddan fih* 'the principle of the rule of law and, connected to the latter, that of legal certainty ... and the

---

[24] Lawless v. Ireland (no. 3), (App. 332/57) 1 ta' Lulju 1961 §§ 13-14.
[25] Bernadette Rainey, Elizabeth Wicks and Clare Ovey, *Jacobs, White and Ovey The European Convention on Human Rights* (7th Edition Oxford 2017), 241.
[26] J.N. v. the United Kingdom, § 77.
[27] Artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

principle of protection against arbitrariness which is, moreover, the very aim of Article 5';[28]

35. *Illi l-ordni appena indikata* 'għanda tibqa' fis-seħħ sakemm tiġi revokata mis-Suprintendent'.[29] *Dan prattikament jfisser li s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika huwa l-unika persuna vestit bil-poter li jerġa' jiftaħ il-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta u li jħoll is-sospensjoni* sine die *tal-kumpilazzjonijiet kollha pendenti quddiem il-Qrati ta' Malta;*

36. *Illi l-Liġi donna qiegħda tħalli din id-deċiżjoni fid-diskrezzjoni* ***esklussiva*** *tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika bl-ebda tip ta' reviżjoni, kriterji oġġettivi jew struttura vaga kemm hi vaga li tagħti sens ta' ċertezza legali. Każ analogu deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta*[30] *kien jikkonċerna d-diskrezzjoni* ***esklussiva*** *tal-Avukat Ġenerali li f'kawżi relatati ma' droga seta' jagħżel bejn il-kompetenza tal-Qorti Kriminali u l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti* obiter *saħqet li* 'tali diskrezzjoni għanda tkun suġġetta għal xi tip ta' skrutinju indipendenti mill-organu li jkun esprimiha' *u* 'toħloq inċertezza bla bżonn';[31]

37. *Illi s-sitwazzjoni taggrava ulterjorment minħabba l-fatt li l-Uffiċċju tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika ma huwiex uffiċċju indipendenti. Kif ukoll, ma jistax jingħad li l-uffiċċju jgawdi minn awtonomija fid-deċiżjonijiet li jieħu. Dan huwa uffiċċju li jifforma parti mill-korp ċivili tal-Gvern ta' Malta u* a contrario *għal uffiċċji oħra bħal dak tal-Avukat Ġenerali, l-Awditur Ġenerali u l-Ġudikatura ta' Malta, l-Uffiċċju tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika ma jgawdix minn dik li tissejjaħ is-*security of tenure*. Dan jfisser li deċiżjoni li tidderoga mid-Dritt tal-Libertà tal-esponent tiddependi* ***esklussivament*** *minn persuna li qiegħed hemm* 'at the leisure and pleasure' *ta' min appuntaha;*

38. *Illi dan, kif promulgat, huwa ċertament poter arbitrarju u kontra r-*rule of law.

### *b. Id-Digriet tal-Qorti Kriminali ta' nhar it-8 ta' April 2020*

39. *Illi huwa bir-rispett sottomess li l-interpretazzjoni tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 465.17 u 465.19 tal-Liġi ta' Malta kif misjuba fid-digriet appena indikat, jilledi id-dritt fondamentali ghal-libertà u jkompli jirrendi arbitrarju u indefinit ż-żamma tal-esponent taħt arrest preventiv;*

---

[28] Simons v. Belgium (dec.), § 32.

[29] Avviż Legali 65 tas-sena 2020 u ara ukoll Avviż Legali 61 tas-sena 2020 kif trasposti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 465.19 u 465.17 tal-Liġi ta' Malta rispettivament.

[30] Ir-Repubblika ta' Malta v Simon Borg deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar il-15 ta' Ottubru 2014 per Onor. Imħallef Silvio Meli.

[31] Repubblika ta' Malta vs Pace et, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), datata t-28 ta' Marzu, 2014.

40. *Illi ta' min wieħed jibda biex jsemmi li l-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha ta' nhar it-2 ta' April 2020 qalet li* **'il-qrati tal-ġustizzja għandhom xorta waħda jagħtu smigħ liċ-ċittadin, kif ingħad fil-każijiet indikati fir-regolament 3(2) tal-Avviż Legali 61 tal-2020'.** *L-Artikolu 3(2) tal-Avviz Legali 61 jippermetti l-ftuħ tar-Reġistru 'f'każijiet urġenti jew f'każijiet fejn tqis li l-interess pubbliku biex il-każ jinstema' għandu jipprevali';*

41. *Illi fid-digriet ta' nhar it-8 ta' April 2020 l-istess Qorti kif diversament preseduta mhux biss ċaħdet it-talba tar-rikorrent biex tissokta l-kumpilazzjoni tal-provi kontrih imma* obiter *qalet* 'meta qieset l-element tal-urġenza u l-interess pubbliku li l-kompilazzjoni ta' provi f'kawża kriminali ġġorr magħha f'keffa minnhom, kif ukoll id-delikatezza tas-sitwazzjoni u r-riskju tat-tixrid tal-marda COVID-19 jekk il-kompilazzjoni tigi ordnata li tissokta... għanda tipprevali l-konsiderazzjoni tas-saħħa pubblika... inkluż dik tar-rikorrent innifsu';

42. *Illi r-rikorrenti ma jistax jifhem kif l-istultifikazzjoni tal-proċeduri penali jistgħu qatt isiru taht il-pretest biex jieħdu ħsieb is-saħħa tal-esponent innifsu u dan bi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu;*

43. *Illi din id-deċiżjoni mhux biss hija kontradittorja imma tifsser li l-esponenti huwa* ex legis *sforzat jibqa' taht arrest preventiv, mingħajr ebda indikazzjoni ta' meta ħa jkompli l-każ tiegħu u mingħajr ma jista' jikseb il-ħelsien mill-arrest. Dan meta għadu preżunt innoċenti;*

44. *Illi għalkemm fid-digriet ta' nhar it-8 ta' April 2020 il-Qorti Kriminali interpretat l-Avviżi Legali 61 u 65 tas-sena 2020, jidher li din l-interpretazzjoni tapplika biss għar-rikorrent. Fil-fatt jidher li kien hemm kumpilazzjonijiet fejn hemm bniedem arrestat li tkomplew u instemgħu diversi xhieda f'kawżi oħra.*[32] *Dan nonostante* 'r-riskju tat-tixrid tal-marda COVID-19 u il-konsiderazzjoni tas-saħħa pubblika'*;*

45. *Illi l-Qorti Kriminali kif id-digriet tagħha ta' nhar il-21 ta' April 2020* obiter *issostni li* 'f'dawn iż-żminijiet **<u>il-libertajiet tal-persuni kollha li jinsabu Malta ġew ristretti</u>** *(sottolinear tal-Qorti)* **... fil-fatt l-għeluq ta' diversi istituzzjonijiet, negozji u postijiet tax-xogħol huma restrizzjoni tal-libertajiet tal-persuni ta' Malta ... li jaffetwaw lil kulħadd fil-laħam il-ħaj'.** *B'dan l-insenjament, il-Qorti Kriminali donna qiegħda tekwipara d-dritt fondamentali tal-libertà u li persuna ma tinżammx għalxejn il-ħabs pendenti l-proċeduri, mal-libertà li wieħed imur jaqta' xagħru jew jiekol f'restorant. Bir-rispett, dan ir-raġunar qatt ma jista' jiġi*

[32] Il-Pulizija vs Leandro Mansueto nhar il-24 ta' Marzu 2020, Il-Pulizija vs Zven Azzopardi et nhar u l-Pulizija v Athony Azzopardi et. nhar il-22 ta' April 2020.

*abbraċjat f'soċjetà li ssejjaħ lilha nnifisha xempju tad-demokrazija u s-saltna tad-dritt;*

46. *Illi permezz ta' dan id-digriet, flimkien ma' dak ta' nhar it-8 ta' April 2020, il-Qorti Kriminali ħalliet lill-esponent taħt arrest, f'inċertezza ta' kif ħa jkompli l-każ tiegħu. B'dan li l-Ġustizzja Malta ma baqatx essenzjali imma saret dispensabbli;*

### *c. L-Avukat Ġenerali li għandu għandu l-atti tal-kumpilazzjoni odjerna*

47. *Illi wara d-digriet ta' nhar it-8 ta' April 2020 l-esponenti reġa' għamel talba għall-ħelsien mill-arrest fejn l-Avukat Ġenerali oġġezzjona abbażi ta'* inter alia *n-nuqqas ta' bdil fiċ-ċirkostanzi, l-biża' ta' intralċ ta' provi u l-biża' li r-rikorrent jista' jinħeba jew jaħrab minn Malta. Din it-talba ġiet miċħuda nhar il-21 ta' April 2020. Fid-digriet taċ-ċaħda l-Qorti Kriminali* obiter *qalet li* 'Din il-Qorti kif diversament preseduta kienet diġà għamlet l-analiżi u l-apprezzament tagħha tal-maġġior parti tal-argumenti prinċipali mressqa mir-rikorrent quddiema f'anqas minn gimgħatejn bejn digriet u ieħor';

48. *Illi dan l-insenjament jfisser li in vista tad-digriet tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2020 u sakemm l-Avukat Ġenerali baqa' ma bagħatx l-atti lura l-Qorti tal-Maġistrati biex tissokta l-kumpilazzjoni, l-esponent ma għandux reviżjoni **effettiva** tal-arrest tiegħu. Iċ-ċirkostanzi qatt ma jistgħu jinbidlu sakemm l-kumpilazzjoni tibqa' imwaqqfa* sine die. *Dan jilledi l-dritt fundamentali tar-rikorrent sanċit fil-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea;*

49. *Illi f'każ analogu l-Qorti Ewropea sabet leżjoni tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni meta* '[an application for] 'release from custody has no prospect of success';[33]

50. *Illi bir-rispett, jekk il-biżgħat huma verament daqsekk impellenti u reali daqs kemm qiegħed jsostni l-Avukat Ġenerali, dawn għandhom jiġu indirizzati bis-smigħ tal-kumpilazzjoni. Liema smigħ ir-rikorrent għamel minn kollox biex iqanqal. Mhux daqstant wieħed jista' jgħid l-istess għall-Avukat Ġenerali;*

51. *Illi dwar in-nuqqas ta' azzjoni da parti tal-Avukat Ġenerali biex iqanqal il-kumpilazzjoni odjerna, ta' min wieħed isemmi li permezz tal-Artikolu 405 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali huwa vestit bil-poteri ta' dak hekk imsejjaħ* Chief Magistrate.*[34] Għalhekk, huwa l-Avukat Ġenerali li jordna[35] lil Qorti Istruttorja xi provi jmiss jinstemgħu u jibgħat l-atti lil Qorti Istruttorja sabiex terga' tibda tgawdi l-kompetenza li tisma' l-każ. Dan jfisser li waqt dan l-*

[33] *Louled Massoud v. Malta*, no. 24340/08, 27 July 2010.

[34] Mamo Notes fuq Proċedura 169.

[35] Ara r-Repubblika ta' Malta vs Kenneth Ellul deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Superjuri nhar il-6 ta' Frar 2014.

*istadju* sui generis *fil-Ligi Proċedurali Maltija, l-unika persuna li huwa vestit bil-kapaċità li jissokkta bil-kumpilazzjoni u s-smigħ tax-xhieda huwa l-Avukat Ġenerali u l-Avukat Ġenerali biss;*

52. *Illi għalhekk l-esponenti huwa pależament preġudikat bil-fatt li l-Avukat Ġenerali f'sintonija mal-Qorti Kriminali qiegħdin jiċċitaw in-nuqqas ta' bdil fiċ-ċirkostanzi biex iżommu lil esponent arrestat imma fl-istess hin l-Avukat Ġenerali ma jagħmel xejn biex jirrinvija l-atti lura lil Qorti tal-Maġistrati sabiex jinbidlu ċ-ċirkostanzi u jiġu trattati l-biża't li jsemmi;*

53. *Illi dan ikompli jikkonferma li s-smigħ tal-esponent qatt ma jista' jsir fi żmien raġjonevoli, iż-żamma tiegħu taħt arrest preventiv hija waħda arbitrarja u indefinita u li r-rikorrent ma għandu l-ebda rimedju effettiv biex jirrevedi l-arrest tiegħu;*

***D. Konklużjoni***

54. *Illi għalhekk l-esponenti jissottometti li l-Avviżi Legali 61 u 65 tas-sena 2020 fejn ingħalqu il-Qrati tal-Ġustizzja ħesrem u b'mod indefinit abbażi ta' Ordni tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika liema Suprintendent ma tgawdix mis-* security of tenure *u għalhekk lanqas ma jista' jingħad li hija indipendenti peress li hija qiegħda hemm* 'at the leisure and pleasure' *ta' min appunta, liema ordni ħarġet taħt il-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta u liema ordni tista' biss titneħħa b'mod arbitrarju u mhux abbażi ta' kriterji oġġettivi, huwa leżiv tad-dritt fondamentali tiegħu taħt l-Artikoli 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 5 (1)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem kif moqri mal-artikolu 5(3) tal-istess Konvenzjoni;*

55. *Illi din is-sitwazzjoni ġiet aggravata ulterjorment bid-digriet tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2020 meta ddegretat li l-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-kawża tal-esponenti li huwa detenut pendenti dawn il-proċeduri ma huwiex urġenti jew fil-interess pubbliku li jitkompla. Dan bir-rispett, lejn l-Onorabbli Qorti Kriminali jmur kontra kull insenjament ta'* hearing within a reasonable time *kif sanċit fl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Din is-sitwazzjoni qiegħda tirrendi l-pożizzjoni tal-esponenti inaċċettabbli għaliex għandek bniedem preżunt innoċenti liema preżunzjoni ma hijiex biss kliem imnaqqxa fuq l-irħama ġo Strasburgu imma għandhom jiġu imsarfa;*

56. *Illi l-esponent qiegħed detenut mingħajr data ta' smigħ. Għal liema fatt l-Avukat Ġenerali, minflok ma jipprova jara x'jagħmel biex iqanqal il-każ, jibqa' inadempjenti u jiċċita l-biza' ta' intralċ ta' provi u nuqqas ta' bdil fiċ-ċirkostanzi biex joġġezzjona għal kull talba tal-ħelsien mill-arrest tal-esponent, liema talba*

*qiegħda tiġi miċħuda* inter alia *abbazi ta' dawn l-oġġezzjonijiet, jilledi d-drittijiet tiegħu kif sanċiti fil-artikoli 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 5 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

***E. Talba***

57. *Għaldaqstant l-esponent, għar-raġunijiet premessi, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*a. Tiddikjara li hemm ksur tal-artikolu 34(1)(f) kif moqri mal-Artikolu 34(3)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem kif moqri mal-Artikolu 5(3) tal-istess Konvenzjoni u tal-artikolu 5(4) tal-istess Konvenzjoni;*

*b. Tordna rilaxx tiegħu b'effett immedjat u dan b'applikazzjoni tal-artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*c. Tagħti d-direttivi u l-provvedimenti kollha sabiex jigu mħarsa d-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali tal-esponent kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni."*

Rat ir-Risposta tal-intimati **l-Avukat tal-Istat** u **s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika**, (minn issa 'l quddiem "l-intimati"), ippreżentata fis-6 ta' Mejju, 2020, fejn ġie eċċepit:

*Illi l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq allegat ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Specifikatament, r-rikorrent qiegħed jilmenta li d-deċiżjonijiet u l-miżuri li ittieħdu f'dawn l-aħħar ġimgħat mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika relatati mad-dikjarazzjoni ta' emerġenza ta' saħħa pubblika minħabba l-pandemija tal-COVID-19 kienu ta' preġudizzju għalih peress li qiegħed jinżamm arrestat mingħajr il-possibilità li l-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja titkompla u li għalhekk hu qiegħed jinżamm arrestat arbitrarjament u għal mod indefinit.*

*Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jibda biex jingħad li dawn l-artikoli huma intiżi sabiex iħarsu lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Illi sabiex id-detenzjoni ma tkunx waħda arbitrarja skont dawn l-artikoli dik id-detenzjoni trid tkun skont il-liġi u konsistenti mal-għan tal-istess artikoli u ċioé li l-indivdwu jiġi mħares mill-arbitrarjetà. Illi madanakollu dan il-prinċipju mhuwiex wieħed assolut u dan stante li dawn l-artikoli jikkontjenu lista eżawrenti tar-raġunijiet li għalihom tista' titneħħa l-libertà ta' xi persuna. Waħda mir-raġunijiet li skont l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jiġġustifikaw il-privazzjoni mil-libertà hija dik maħsuba fil-paragrafu (ċ) tal-istess artikolu u ċioé meta l-arrest jew detenzjoni ta' persuna tkun skont il-liġi u effettwata sabiex il-persuna tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieg biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat. In kwantu għas-suspett raġonevoli meħtieġ skont l-Artikolu 5(1)(ċ) imsemmi, il-kriterju tar-raġonevolezza huwa wieħed oġġettiv. Suspett raġonevoli jippresupponi l-eżistenza ta' fatti jew informazzjoni tali li jissodisfaw li osservatur oġġettiv li l-persuna konċernata setgħet ikkomettiet reat. L-istess insibu fl-artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi r-rikorrenti mhuwiex qiegħed jikkontesta li l-arrest sar 'skont il-liġi' u 'skont il-proċedura preskritta bil-liġi'. L-arrest tar-rikorrenti sar* ai termini *tal-provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali u dan stante li l-Pulizija kienet sodisfatta bl-eżistenza tar-rekwiżit ta' suspett raġonevoli kemm sabiex tarresta u kemm sabiex tressaq lir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja b'akkużi ta' reat kriminali.*

*Illi ġialadarba ġie stabbilit li l-arrest inizzjali kif ukoll il-preżentata b'arrest tar-rikorrenti kien imsejjes u mqanqal fuq suspett raġonevoli skont kif jipprovdi l-Artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni il-pass li jmiss huwa li wieħed jeżamina jekk il-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tar-rikorrenti huwiex ġustifikat u permissibbli fil-qafas tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni.*

*Illi jirriżulta li r-rikorrenti ppreżenta sensiela ta' rikorsi sabiex jinħeles mill-arrest liema talbiet ma ntlaqgħux u dan peress li l-Qrati ma ħassewx li kien għaqli li r-rikorrenti jinħeles mill-arrest u dan abbażi tar-raġunijiet dettaljati li l-istess Qrati taw fid-Digrieti tagħhom. Illi għalhekk ċertament li ma jistax jingħad li l-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrenti huwa b'xi mod kappriċċjuż, speċjalment tenut kont tal-fatt li l-Qrati ċaħdu t-talba għall-ħelsien mill-arrest abbażi ta' diversi kriterji inkluż il-gravità tar-reat liema gravità giet eżaminata fil-kumpless ta' fatturi oħra bħal possibilità tal-ħarba u possibilità ta' intralċ tal-provi fl-ambitu wkoll tal-piena marbuta mal-imputazzjonijiet detotti kontra r-rikorrenti.*

*L-esponenti jissottomettu li d-Digrieti tal-Qrati penali huma studjati u mfissra bl-aktar mod metikoluż liema Digrieti juru biċ-ċar li ċ-ċaħda mhijiex waħda kapriċċjuża jew arbitrarja.*

*Illi dan jorbot mal-ilment li għamel ir-rikorrent dwar id-digriet tal-Qorti Kriminali datat 8 ta' April 2020 fejn dik il-Qorti għamlet ċertu konsiderazzjonijiet li wassluha tiddeċiedi li t-talba tar-rikorrenti sabiex tissokta l-kumpilazzjoni fil-konfront tiegħu tiġi miċħuda. L-intimati huma tal-fehma li f'dan id-digriet m'hemm xejn li b'xi mod wieħed jista' jasal jgħid li ġie vjolat xi jedd fondamentali tar-rikorrenti wisq inqas dak imfisser fl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.*

*Illi fil-fehma tal-intimati ma hemm l-ebda dubju li b'dan l-ilment, ir-rikorrent qiegħed effettivment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrevedi digrieti li ngħataw leġittimament minn Qrati oħra. Kif tenniet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***Joseph Bellizzi et vs. Awtorità Marittima ta' Malta et*** *deċiża fis-27 ta' Frar 2009, mhuwiex l-irwol u lanqas il-funzjoni ta' qorti mogħnija b'kompetenza konvenzjonali li toqgħod tirrevedi allegati żbalji mwettqa minn xi qrati oħra. Għaliex inkella hija tkun qed taġixxi bħala qorti tat-tielet jew ir-raba' istanza (ara* ***Nazzareno Muscat et vs. Avukat Ġenerali,*** *Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Mejju 2010). Għaldaqstant tali qorti għandha tistħarreġ u tara biss jekk fil-każ partikolari jirriżultaliex xi ksur ta' xi dritt fundamentali (ara* ***Valfracht Maritime Co. Ltd. vs. Avukat Generali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Novembru 2006).*

*Illi fil-każ odjern, il-Kodiċi Kriminali jaħseb sabiex persuna li jkollha proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Istruttorja tkun tista' tintavola talbiet għall-ħelsien mill-arrest quddiem dik il-qorti kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali f'każ li l-proċess ikun rinvijat għand l-Avukat Ġenerali. Illi dan ifisser li r-rikors għall-ħelsien mill-arrest ta' imputat jiġi deċiż minn ġudikant ieħor, f'dan il-każ l-Imħallef li jkun qiegħed jippresjedi l-Qorti Kriminali, u mhux mill-Maġistrat li jkun qiegħed jisma' l-Istruttorja. Dan għalhekk ifisser li l-imputat għandu kull dritt li jippreżenta rikors ieħor sabiex jitlob il-ħelsien mill-arrest.*

*Illi magħdud ma' dan, l-imputat li in konfront tiegħu tkun għaddejja kumpilazzjoni jibbenefika wkoll mit-tħaddim tal-artikolu 401 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja hija obbligata* ex lege *li kull ħmistax-il ġurnata teżamina jekk l-arrest tal-imputat ikunx għadu ġustifikat. Illi ma' dina l-protezzjoni mogħtija mill-aritkolu 401(1) tal-Kap. 9 wieħed ma jridx jinsa illi l-istess rikorrenti għandu kull dritt li jippreżenta rikors f'kull waqt quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja jew il-Qorti Kriminali skont il-każ sabiex jitlob il-ħelsien mill-arrest u dan mingħajr ma jiddependi mit-tħaddim tat-tieni proviso tal-artikolu 401(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Teknikament dan ifisser li jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja jew il-Qorti Kriminali tiċħad rikors*

*għall-ħelsien mill-arrest, l-akkużat ikun jista' jippreżenta rikors ieħor l-għada stess li jingħata d-Digriet ta' ċaħda.*

*Illi dwar id-deċiżjonijiet li ittieħdu mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jingħad minnufih li dawn ittieħdu bl-għan uniku li titħares is-saħħa pubblika u dan fl-interess pubbliku u dan f'kuntest ta' dikjarazzjoni ta' emerġenza ta' saħħa pubblika li ġiet dikjarata b'effett mis-7 ta' Marzu 2020 skont l-Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465 tal-Ligijiet ta' Malta). Huwa deplorevoli li r-rikorrenti juża dawn il-proċeduri kostituzzjonali biex jattakka deċiżjonijiet li ittieħdu sabiex l-ewwel u qabel kollox tiġi protetta s-saħħa kollettiva tan-nies waqt pandemija inkluż is-saħħa tal-istess rikorrenti. Għalhekk kull ilment li r-rikorrent jagħmel dwar d-deċizjonijiet li ittieħdu mis-Suprintendent intimat inkluż dwar l-avviżi legali mertu tal-kawża huma infondati, abbużivi u gratuwiti. Illi s-Suprintendent intimat għandha poteri speċjali mogħtija lilha sabiex tordna li jittieħdu miżuri biex epidemija perikoluża jew mard infettiv bħal ma ċertament hu l-COVID-19 jiġi kontrollat u titwaqqaf l-imxija tiegħu u dan skont l-Kap 465 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi jekk wieħed jeżamina l-ordnijiet li nħargu mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'riferenza għall-Qrati, jidher biċ-ċar li dawn l-ordnijiet filwaqt li permezz tagħhom ingħalqu l-Qrati u r-reġistri b'effett mis-16 ta' Marzu 2020 xorta waħda ħasbu sabiex dawk il-kawżi li l-Qrati jħossu li huma urġenti jew ta' interess pubbliku jitkomplew u dan bis-salvagwardji kollha li l-qorti partikolari tista' timponi. Illi fil-każ tar-rikorrenti jirriżulta li anke meta r-reġistru u l-qrati kienu magħluqa xorta waħda kull talba tar-rikorrenti għall-ħelsien mill-arrest ġiet appuntata, mismugħa u deċiża. Illi l-fatt li t-talba li għamel ir-rikorrenti sabiex tkompli l-kumpilazzjoni tiegħu ġiet miċħuda mill-Qorti minħabba kunsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika b'daqshekk ma jfissirx li l-ordnijiet tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'xi mod jiksru d-dritt tal-libertá tar-rikorrenti.  Illi l-ordnijiet maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika ma nħargux b'mod kapriċċuż iżda nħarġu f'kuntest ta' pandemija sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika.*

*Fuq kollox jingħad li l-arrest tar-rikorrenti huwa wieħed ġustifikat u skont il-liġi kif diġà imfisser aktar qabel f'din ir-risposta u dan indipendentement minn kwalunkwe deċiżjoni li setgħet ittieħdet mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.*

*Illi għalhekk, tħares minn fejn tħares, m'hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.*

*Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati li ġiet ippreżentata fil-15 ta' Mejju, 2020 fejn intqal dan li ġej:

***Il-Lanjanza***

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens li allegatament d-deċiżjonijiet li ittieħdu mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika relatati mal-COVID-19, partikolarment dawk li ittieħdu permezz tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020, kienu ta' preġudizzju għalih peress li qiegħed jinżamm arrestat mingħajr il-possibilità li l-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja titkompla u li għalhekk hu qiegħed jinżamm arrestat arbitrarjament u għal mod indefinit bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu ta' protezzjoni minn arrest illegali u arbitrarju kif sanċit permezz tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Marbut ma dan ir-rikorrent qiegħed jitlob li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li ġew leżi l-artikolu 34 (1)(f) u l-artikolu 34 (3)(b) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 (1)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u li bħala rimedju dina l-Onorabbli Qorti tordna jiġi rrilaxxjat mill-arrest immedjatament u dan previa kwalunkwe direttivi u provvedimenti oħra li jogħġobha tagħti din il-Qorti.*

***Fatti***

*Illi bħala fatti li huma rilevanti għal din il-kawża jirriżulta li r-rikorrenti ġie arrestat l-ewwel darba in konnessjoni mal-omiċidju tas-sinjura Daphne Caruana Galizia fl-20 ta' Novembru 2019. Sussegwentement ir-rikorrent tressaq b'arrest fit-30 ta' Novembru 2019 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fejn imbagħad bdiet il-kumpilazzjoni tal-provi fejn hu qed jiġi akkużat b'kompliċità fl-omiċidju volontarju ta' Daphne Caruana Galizia.*

*Illi r-rikorrenti intavola diversi talbiet quddiem il-Qrati penali sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest liema talbiet ġew miċħuda mill-qrati kompetenti.*

*Fit-12 ta' Marzu 2020 il-World Health Organisation (WHO) iddikjarat il-virus COVID-19 bħala pandemija mondjali. Il-funzjoni primarja tas-Suprintendent intimat huwa li tipproteġi s-saħħa pubblika u għandha poteri mogħtija lilha sabiex jittieħdu miżuri biex epidemija perikoluża jew mard infettiv bħal ma ċertament hu l-COVID-19 jiġi kontrollat u dan skont l-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta. Fost il-miżuri li ttieħdu insibu dawk ordnati permezz tal-Avviżi Legali 61 ta' 2020 u 65 ta' 2020 fejn il-Qrati tal-*

*Ġustizzja u r-Reġistru ingħalqu b'effett mis-16 ta' Marzu 2020 u ġew sospiżi l-ħinijiet legali u ġudizzjarji.*

*Illi fl-1 t'April 2020 permezz ta' Avviż Legali 115 tal-2020 is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika iddikjarat stat ta' emerġenza tas-saħħa pubblika b'effett retroattiv mis-7 ta' Marzu 2020.*

*Illi b'rikors datat 1 t'April 2020 r-rikorrenti talab lil Qorti Kriminali tiddikjara li l-arrest tiegħu huwa illegali u arbitrarju u takkordalu l-ħelsien mill-arrest liema talba ġiet miċħuda b'digriet datat 2 ta' April 2020.*

*Illi r-rikorrent għamel rikors ieħor fis-6 t'April 2020 fejn għal darb oħra talab li jingħata l-ħelsien mill-arrest liema talba ġiet miċħuda mill-Qorti Kriminali permezz ta' digriet tas-7 ta' April 2020.*

*Illi permezz ta' digriet tat-8 t'April 2020 il-Qorti Kriminali ċaħdet talba oħra tar-rikorrenti biex l-Avukat Ġenerali jirrinvija l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex il-kumpilazzjoni u s-smigħ tax-xhieda tissokta.*

*Illi finalment fil-21 t'April 2020 il-Qorti Kriminali ċaħdet talba oħra li għamel r-rikorrent sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest.*

*Illi permezz tal-Avviż Legali 177/2020 is-Suprintendent intimat ħarġet ordni sabiex ir-Reġstru tal-Qorti ma jibqax magħluq u dan b'effett mill- 4 ta' Mejju 2020.*

*Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem permezz ta' komunikazzjoni tat-12 ta' Mejju 2020 infurmat lill-Istat Malti li r-rikorrenti kien intavola proċeduri quddiemha fl-ismijiet 'Yorgen Fenech v. Malta' (applikazzjoni numru 19090/20) fejn talab ħruġ ta'* interim measure "to allow the immediate release of the applicant from the Corradino Correctional facility where he is being held in pre-trial detention, to prevent him from exposure to COVID-19". *Illi l-istess Qorti Ewropea iddeċidiet li ma taċċedix għal tali talba u ordnat li ser teżamina l-applikazzjoni tar-rikorrenti ta' allegat leżjoni tad-drittijiet protetti mill-Konvenzjoni Ewropea* 'as soon as practicable on the basis of the information and documents submitted'. *Kopja tal-komunikazzjoni annessa u mmarkata bhala 'Dok. SA 1'.*

***Il-poteri tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika***

*L-Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta) jinkludi l-qafas leġislattiv li permezz tiegħu tiġi promossa u protetta s-saħħa pubblika.*

*L-artikolu 2 tal-Kap. 465 jiddefinixxi 'emerġenza fis-saħħa pubblika' bħala 'sitwazzjoni li fiha jkun attwali jew imminenti riskju fis-saħħa pubblika'.*

*L-artikolu 14 tal-Kap. 465 jaħseb għal dikjarazzjoni ta' emerġenza u jipprovdi s-segwenti:*

*"14 (1) Is-Supritendent jista', jekk ikun hekk sodisfatt, jiddikjara li tkun teżisti emerġenza fis-saħħa pubblika.*

*(2) Id-dikjarazzjoni għandha tispeċifika:*

*(a) ix-xorta tal-emerġenza fis-saħħa pubblika; u*

*(b) l-inħawi li dwarhom tkun tapplika d-dikjarazzjoni".*

*Id-dikjarazzjoni ta' emerġenza ta' saħħa pubblika nħarġet permezz tal-Avviż Legali 115 tal-2020 li permezz tiegħu s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika ddikjarat emerġenza ta' saħħa pubblika b'effett mis-7 ta' Marzu 2020 liema emerġenza ta' saħħa pubblika kienet issegwi l-pandemija tal-COVID-19 u tapplika għat-territorju Malti. Dwar dan xehdet is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2020 fejn meta ġiet mistoqsija sabiex tispjega għala nħarġet dina d-dikjarazzjoni, is-Suprintendent osservat illi "Din hija sitwazzjoni fejn aħna rajna li minn mindu kellna l-ewwel każijiet, dan baqa' għaddej fejn aħna kellna numru ta' każijiet li baqgħu jinfirxu. Fil-bidu nett aħna kellna l-każijiet fejn kienu ġejjin minn barra minn Malta, dawk li ngħidulhom* imported cases. *Imbagħad hemmhekk kellna sitwazzjoni fejn minn dawk in-nies li ġew minn barra bdew jinfettaw nies oħrajn li kienu qrib tagħhom. Però l-pandemija baqgħet għaddejja u beda jinfirex il-virus fil-komunità wkoll. Hemmhekk dak l-assessment li aħna rajna, li hemmhekk aħna kellna sitwazzjoni ta' emerġenza ta' saħħa pubblika u bbażat fuq dan l-assessment aħna proprju min-naħa tiegħi jiena ddikjarajt li din hija sitwazzjoni ta'* public health emergency *proprju wkoll skont li joħroġ mill-Att, li din ġiet proprju mill-ewwel każ li kellna għaliex hemmhekk kien li meta beda kollox u allura hemmhekk dan jiġi ddikjarat għaliex hemmhekk il-liġi wkoll tagħtik iktar lok li tista' tieħu iktar miżuri'.*

*Illi s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika skont l-artikolu 27 tal-Kap. 465 għandha poteri vasti ħafna sabiex tespleta l-funzjoni tagħha ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika u dan b'riferenza għal diversi aspetti tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika. B'mod speċifiku, fl-artikolu 27(ċ) tal-Kap. 465 insibu l-poteri tas-Suprintendent f'kuntest ta' epidemiji u mard infettiv. L-artikolu 27(ċ) tal-Kap. 465 jipprovdi s-segwenti:*

*"27. Is-Suprintendent jista' jagħmel, jibdel jew jirrevoka ordnijiet li:*

…

*(ċ) jordnaw miżuri biex jissalvagwardjaw kontra jew jikkontrollaw epidemiji perikolużi jew mard infettiv u b'mod partikolari:*

*(i) jirregolaw id-dfin minnufih tal-mejtin;*

*(ii) jirregolaw is-setgħa li jsiru żjarat ġewwa xi fond;*

*(iii) jirregolaw l-għoti ta' għajnuna medika, d-distribuzzjoni ta' mediċini, t-twaqqif ta' sptarijiet, il-promozzjoni ta' tindif, ventilazzjoni u disinfettar u xort'oħra biex ikun hemm salvagwardja kontra t-tifrix ta' mard u għall-kura ta' persuni li jkunu qegħdin ibatu minnhom;*

*(iv) jirregolaw l-okkupazzjoni ġewwa xi fond jew partijiet minnu billi jipprevjeni li dan ikun hekk sovrapopolat li jkun ta' periklu għas-saħħa;*

*(v) jordnaw kull ħaġ'oħra li s-Suprintendent jista' jqis spedjenti għall-prevenzjoni jew mitigazzjoni ta' xi marda:*

*Iżda s-setgħa tas-Suprintendent biex jippreskrivi kwistjoni oħra bħal din kif is-Suprintendent jista' jqis spidjenti għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni ta' tali marda għandha tinkludi u għandha titqies li dejjem kienet tinkludi s-setgħa li jipprovdi għal kwalunkwe kwistjoni li hija anċillari jew konsegwenzjali għal ordni maħruġa taħt dan il-paragrafu inkluż is-sospensjoni ta' limiti taż-żmien inkluż, iżda mhux limitat għal, limiti ta' żmien legali u ġudizzjarji, li għandhom jitqiesu li jinkludu perijodi ta' preskrizzjoni, u kwalunkwe limiti ta' żmien perentorji provduti fi kwalunkwe liġi oħra bħala konsegwenza ta' ordni għall-għeluq ta' dipartiment tal-gvern jew postijiet oħra li minnhom jiġu provduti servizzi pubbliċi jew ta' kwalunkwe ordni maħruġa taħt dan il-paragrafu kif is-Suprintendent jqis spedjenti".*

*Dwar id-deċiżjoni li jinħarġu l-miżuri u l-ordnijiet xehdet is-Suprintendent waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2020 li spjegat li "Aħna nimxu fuq assessment tekniku li tara kif jinferex il-virus sa l-informazzjoni li tkun taf biha anke minn informazzjoni li nirċievu minn barra għaliex inti jkollok anke informazzjoni ta' x'qed jiġri barra u x'kienu dawk il-miżuri li ħadu u aħna nimxu fuq il-prinċipju fejn inti tagħmel evalwazzjoni fuq* criteria *li tara kif jinfirex il-virus. Il-prinċipju ta' kontroll ta' dan il-virus huma ta'* social distancing *li inti jkollok persuni li ma jkunux qrib ta' xulxin, li inti tara li dawn il-persuni jkunu 'il bogħod minn xulxin għallinqas żewg metri imma wkoll prinċipju importanti li inti tevita li jkollok ħafna nies li jkunu qrib ta' xulxin. Hemmhekk inti għandek riskju, nafu li dan huwa virus li jittieħed permezz ta' persuna li jkun fejn ħaddiehor u iżjed m'għandek nies li jkunu maġenb xulxin, iżjed hemmhekk ħa żżid ir-riskju. Nafu wkoll li inti għandek ukoll* transmission *anke b'nies li m'għandhomx l-ebda sintomi, jiġifieri lanqas jekk inti tipprova taqbad lil kulħadd li għandu sintomi u tagħmel żgur li dawn ikunu qegħdin iżolati, xorta għandek dawk in-nies li m'għandhom l-ebda sintomi li ħa jkunu qegħdin barra jiltaqgħu ma' nies oħrajn. Allura aħna fil-miżuri kollha u l-liġjiet li ħriġna, għamilna* risk assessment *ta'*

*fejn huma dawk il-postijiet fejn inti jista' jkollhok nies li jiltaqgħu ħafna ma' xulxin imbagħad aħna ħriġna l-miżuri fuq dan it-tekniku li aħna ħdimna'.*

*Abbazi tal-poter mogħti lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika permezz tal-Artikolu 27(ċ) tal-Kap. 465 u wara li sar l-assessjar tas-sitwazzjoni viġenti, inħarġu diversi ordnijiet sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19. Illi fost dawn l-ordnijiet inħarġu wkoll ordnijiet li jirrigwardaw il-Qrati tal-Ġustizzja. Fost dawn l-ordnijiet insibu ż-żewġ ordnijiet li għalihom issir riferenza fir-rikors promotur u cioé l-Avviż Legali 61 tal-2020 u l-Avviż Legali 65 tal-2020. Tajjeb li dawn l-Avviżi Legali gew emendati.*

*L-Avviż Legali 61 tal-2020 intitolat 'Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali) jaħseb għas-sospensjoni ta' ħinijiet ġudizzjarji u legali fosthom dawk ta' preskrizzjoni u termini perentorji u dan f'każ li s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tordna li jingħalqu l-qrati. Dina l-ordni inħarġet sabiex tħares kontra u sabiex tikkontrolla l-epidemiji perikolużi u t-tixrid ta' mard infettiv. Fl-artikolu 3(1) tal-Ordni s-Suprintendent ħasbet ukoll sabiex meta titneħħa l-ordni tal-egħluq tal-Qrati s-sospensjoni tibqa' għall-perijodu ta' sebat ijiem mit-tneħħija tal-ordni tal-egħluq. L-istess ordni taħseb għal salvagwardji sabiex minkejja li s-Suprintendent toħroġ ordni tal-egħluq tal-Qrati xorta waħda każijiet li jkunu urgenti u fl-interess pubbliku jinstemgħu mill-Qrati.*

*L-artikolu 3 (2) tal-Avviż Legali 161 tal-2020 jipprovdi illi:*

*"(2) Kull ordni maħruġa skont is-subartikolu (1) ma għandux jippreġudika s-setgħa ta' kwalunkwe qorti li tordna l-ftuħ tar-reġistru tagħha, is-smigħ ta' kwalunkwe każ u kull ħaġa konsegwenzjali u inċidentali għaliha f'każijiet urġenti jew f'każijiet fejn tqis li l-interess pubbliku biex il-każ jinstema' għandu jipprevali, soġġett għal xi arranġamenti speċifiċi għall-ħarsien kontra u, jew għall-kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv hekk kif il-qorti tista' tiddetermina".*

*Illi permezz tal-Avviż Legali 165 tal-2020 intitolat 'Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja', is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika ordnat l-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja b'effett mis-16 ta' Marzu 2020.*

*Illi fit-2 ta' April 2020 daħal fis-seħħ l-Att dwar is-Sospensjoni u l-Interruzzjoni ta' Perijodi ta' Żminijiet Legali u Oħrajn (Kapitolu 609) li ta setgħat relatati ma' interruzzjoni u sospensjoni ta' termini lill-Ministru responsabbli mill-ġustizzja f'każ li s-Suprintendent tordna l-egħluq tal-Qrati. L-istess Kap. 609 fl-artikolu 6 għamilha ċara li l-poter tas-Suprintendent li toħroġ ordnijiet sabiex tissospendi t-termini taħt il-Kap. 465 ma kinux qegħdin jiġu preġudikati u li l-Kap. 609 bl-ebda mod ma kienu qegħdin jillimataw il-poteri wiesgħa mogħtija lis-Suprintendent permezz tal-Kap. 465. L-artikolu 6 tal-Kap. 609 jipprovdi* verbatim *illi "6. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-*

*Att għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe setgħa tas-Suprintendent li joħroġ ordnijiet li jissospendu kwalunkwe termini legali, kuntrattwali jew oħrajn skont is-setgħat mogħtija lis-Suprintendent taħt l-imsemmi Att u xejn f'dan l-Att ma għandu jinftiehem bħala limitazzjoni fuq dawn is-setgħat". Il-Kap. 609 bl-ebda mod ma affettwa l-ordnijiet maħruġa mis-Suprintendent skont il-Kap. 465 b'rabta ma sospensjoni ta' ħinijiet tant hu hekk li fl-artikolu 7 tal-Kap. 609 insibu illi "Il-leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħt l-Att dwar is-Saħħa Pubblika b'rabta mas-sospensjoni tal-ħinijiet għandhom ikomplu fis-seħħ u jkollhom effett daqslikieku saru taħt dan l-Att".*

***L-Emerġenza Pubblika kontemplata fl-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni***

*L-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni jikkontjeni t-tifsiriet b'riferenza għall-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni. Fost dawk it-tifsiriet insibu t-tifsira tal-kliem 'perijodu ta' emerġenza pubblika' fis-sub-aritkolu (2) tal-istess. Dan is-subartikolu jipprovdi s-segwenti:*

*"(2) F'dan il-Kapitolu 'perijodu ta' emerġenza pubblika' tfisser kull perijodu li matulu-*

*(a) Malta tkun qegħda f'xi gwerra; jew*

*(b) tkun isseħħ proklama mill-President li tiddikjara li jeżisti stat ta' emerġenza pubblika; jew*

*(ċ) tkun isseħħ riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li jkun hemm jaqblu magħha l-voti ta' mhux anqas minn żewg terzi tal-Membri kollha tal-Kamra li tiddikjara li l-istituzzjonijiet demokratiċi f'Malta huma mhedda b'sovversjoni".*

*Illi l-mod kif issir il-proklama ta' emerġenza huwa regolat fl-Att dwar Setgħat ta' Emerġenza (Kap. 178 tal-Ligijiet ta' Malta) li jaħseb fl-artikolu 3(1) li huwa l-President ta' Malta li jaġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru, jekk ikun sodisfatt li teżisti emerġenza pubblika, li jista' permezz ta' Proklama jiddikjara li d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II tal-Kap. 178 għandhom jiġu fis-seħħ liema dispożizzjonijiet jibqgħu fis-seħħ sakemm titneħħa. Illi skont l-artikolu 3 (3) tal-Kap. 178 kull meta ssir Proklama ir-raġuni li għaliha tkun saret għandha tiġi ikkomunikata lill-Kamra tad-Deputati.*

*Illi s-setgħat mogħtija lill-President li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru f'każ ta' proklama huma poteri li permezz tagħhom ikun il-President li jippromulga l-liġijiet u jemenda liġijiet eżistenti mingħajr il-ħtieġa li l-liġijiet jiġu dibattuti fil-Parlament. Illi dawn is-setgħat jaħsbu għall-perijodi ta' emerġenza assoluta u ċioé f'każijiet fejn il-pajjiż ma jkunx jista' jiffunzjona minħabba emerġenza bħal irvelli, rewwixti, gwerer jew f'każ ta' emerġenza sanitarja fejn l-emerġenza tkun ipparalizzat il-pajjiż. Tajjeb li jingħad li b'tali Proklama l-pajjiż ikun qiegħed jitmexxa mill-President u għalhekk*

*dan il-poter jiġi eżerċitat f'każijiet estremi u l-ordnijiet u regoli maħruġa għall-perijodu limitat ħafna.*

*Illi fil-każ odjern, il-President ta' Malta ma ħariġx Proklama skont kif imfissra f'din il-parti tan-Nota.*

***Deroga mill-Konvenzjoni Ewropea***

*L-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni Ewropea jaħseb għal deroga mill-Konvenzjoni Ewropea. Illi sabiex tiġi invokata tali deroga jrid ikun hemm gwerra jew emerġenza pubblika li tkun ta' riskju għall-ħajja tal-poplu tal-Istat Kontraenti. Fil-*Guide on Article 15 of the European Convention on Human Rights *maħruġ fil-31 ta' Dicembru 2019 insibu fil-paragrafu 8 illi* "The natural and customary meaning of 'public emergency threatening the life of the nation' is clear and refers to 'an exceptional situation of crisis or emergency which affects the whole population and constitutes a threat ot the organized life of the community of which the State is composed' (Lawless v. Ireland (no. 3), § 28)". *L-istess gwida jkompli jispjega fil-paragrafu 11 illi* "Generally the Convention organs have deferred to the national authorities' assessment as to whether such an exceptional situation exists. As the Court stated in Ireland v. the United Kingdom (§ 207): 'it falls in the first place to each Contracting State, with its responsibility for 'the life of [its] nation', to determine whether that life is threatened by a 'public emergency'. By reason of their direct and continuous contact with the pressing needs of the moment, the national authorities are in principle better placed than the international judge to decide both on the presence of such an emergency and on the nature and scope of the derogations necessary to avert it. Accordingly, in this matter a wide margin of appreciation should be left to the national authorities. Nevertheless, the Court had emphasized that States do not enjoy an unlimited discretion in this respect. The domestic margin of appreciation is accompanied by European supervision (Hasan Altan v. Turkey, § 91; Sahin Alpay v. Turkey, § 75; Brannigan and McBride v. the United Kingdom, § 43)".

*Illi sabiex l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni jintuża, l-Istat Kontraenti jrid juri li l-liġijiet ordinarji li għandu fis-seħħ ma jkunux suffiċjenti sabiex jovvjaw għall-periklu kkaġunat mill-emerġenza pubblika (ara l-paragrafu 21 tal-Guide).*

*Illi l-Istat Malti ma invokax id-deroga mahsuba fl-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

***Allegata leżjoni tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea***

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti ta' allegat ksur tad-dritt tal-libertà hija msejsa fuq tlett binarji: (a) l-fatt li fl-Avvizi Legali 161 tal-2020 u 165 tal-2020 ma hemm l-ebda data stabbilita fl-istess avvizi legali li fihom ser titneħħa l-ordni tal-egħluq tal-Qrati; (b) l-interpretazzjoni li tat il-Qorti Kriminali lill-Artikolu 3(2) tal-Avviż Legali 161 tal-2020; u (ċ) l-fatt li l-atti tal-kumpilazzjoni jinstabu rinvijati għand l-Avukat Ġenerali.*

*L-esponenti jibdew billi jissottomettu li l-Aritkolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jenunċja d-dritt li "Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna". Madanakollu, dan id-dritt mhuwiex wieħed assolut u għalhekk l-istess artikolu jistipola l-eċċezzjonijiet għad-dritt u fil-paragrafu (ċ) insibu li tali dritt jista' jiġi limitat jekk* '(ċ) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat'. *Illi fil-kaz odjern id-detenzjoni tar-rikorrenti tinkwadra perfettament taħt il-paragrafu (ċ) tal-Artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni u dan stante li l-arrest tar-rikorrenti huwa neċessarju sabiex jassigura li r-rikorrenti ma jaħrabx minn Malta.*

*Illi kont il-*Clayton & Tomlinson: The Law of Human Rights (2002) -

> "It must give way where vital community interests are at stake. Accordingly, a person may be deprived of his or her liberty, but only if the exercise of powers of arrest and detention by state authorities is governed by due process of law and consistent with recognised standards. ... The deprivation of liberty can be distinguished from the 'control of movement' or 'restriction of movement' which is governed by Article 2 of Protocol 4 to the Convention";

*Illi, jingħad li biex iċ-ċaħda tal-libertà personali ma tkunx tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni, jeħtieg li (a) dik ic-caħda tkun imwettqa skont proċedura stabilita b'liġi, u (b) li ż-żamma jew arrest ikunu legalment ġustifikati sakemm (ċ) tkun tgħodd dwarha mqar waħda mis-sitt raġunijiet maħsuba fl-artikolu 5(1).*

*Illi f'dan ir-rigward, l-esponenti jissottomettu illi l-arrest tar-rikorrent matul il-perijodu kollu in kwistjoni kien wieħed permess kemm mill-Konvenzjoni kif ukoll mill-Kostituzzjoni. L-Artikolu 5(1)(ċ) in fatti jistipula li:*

> "Everyone has the right of liberty and security. No one shall be deprived of his liberty save in the following cases and in accordance with a procedure prescribed by law:

(c) The lawful arrest or detention of a person effected for the purpose of bringing him before the competent legal authority of reasonable suspicion of having committed an offence or when it is reasonably considered necessary to prevent his committing an offence or fleeing after having done so"

*Illi similarment l-artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni jgħid li:*

'Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin, jiġifieri:

(f) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali'

*Dwar l-interpretazzjoni tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni issir referenza għas-sentenza Nazzareno Abela vs. Avukat Generali et mogħtija mill-Qorti Kostituzzjoni fil-15 ta' Ġunju 2005:*

'Dan l-artikolu jissanċixxi d-dritt fundamentali li ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu. Dan però mhux dritt assolut u l-istess artikolu jagħmel eċċezzjonijiet għal dan id-dritt. Dan l-artikolu għalhekk jipprovdi li individwu jista' jiġi privat mil-libertà personali tiegħu fl-esekuzzjoni tas-sentenza dwar reat kriminali li tiegħu ikun gie misjub ħati, kif ukoll fuq suspett raġjonevoli li huwa jkun kkommetta jew sejjer jikkommetti reat kriminali. In vista ta' dawn il-provedimenti la l-arrest preventiv u lanqas il-perijodu ta' priġunerija li għalih ġie kundannat ir-rikorrenti fl-imsemmija sentenza definittiva ma jistgħu jitqiesu "per se" bħala perijodi ta' arrest illegali jew abbusiv fil-konfront tar-rikorenti;'

*Fil-kawża deċiża mill-Qorti Civili Prim Awla (sede kostituzzjonali) fit-18 t'April 2008 fl-ismijiet* ***David Gatt vs. Avukat Ġenerali*** *gie imtenni li:*

*'ma hemmx dubbju li skont il-Kodici Kriminali, sia meta si tratta ta' delitt kontra s-sigurtà tal-Gvern jew delitt li jġib miegħu l-piena ta' priġunerija għal għomru u sia meta si tratta ta' kwalsiasi reat ieħor, il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali li tkun hija obbligata li tassigura li, jekk takkorda l-ħelsien mill-arrest, ma jkunx hemm il-perikoli raviżżati fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kap. 9. Dawn il-perikoli huma li l-akkużat jew imputat (a)* "jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija", *(b)* "jinħeba jew jitlaq minn Malta"*, (ċ)* "ma josservax xi kundizzjoni li l-Qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fl-obbligazzjoni tal-garanzija", *(d)* "jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew xi persuna oħra", *u (e)* "jikkommetti xi reat ieħor".

*Fil-fatt mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, joħroġ ċar li meta Qorti tikkunsidra tagħtix il-ħelsien mill-arrest lil akkużat, trid tqis diversi fatturi. Fil-kaz "Kubicz vs*

*Poland", deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) fit-28 ta' Ġunju, 2006 intqal li:*

"the question whether a period of detention is reasonable cannot be assessed in the abstract but must be considered in each case according to its special features. Continued detention can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention".

*L-istess Qorti Ewropea, f'diversi sentenzi oħra, qieset diversi ċirkustanzi li jistgħu jew ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex almenu għal ċertu żmien, l-akkużat jiċaħħad mill-ħelsien mill-arrest. Hekk intqal:*

"(i) the matter of when the trial or, in the present case, retrial will occur is not a relevant reason for the purpose of Article 5(3)" – Gault vs The United Kingdom", ECHR, 20 ta' Novembru, 2007;

*(ii)* "the suspicion against the applicant of having committed serious offences could have initially warranted his detention … The Gravity of the charges cannot by itself serve to justify long periods of detention on remand" – *"Panchenko vs Russia", ECHR, 8 ta' Mejju, 2005;*

*(iii)* "the persistence of reasonable suspicion is a condition *sine qua non* for the lawfulness of the continued detention, but after a certain lapse of time it no longer sufficies" – "Gault vs The United Kingdom", ECHR, 20 ta' Novembru, 2007;
(iv) "the severity of the sentence faced is a relevant element in the assessment of the risk of absconding or reoffending" *"Ilijkov vs Bulgaria", ECHR, 26 ta' Lulju, 2001;*

*(v)* "The Court accepts that a genuine risk of pressure being brought to bear on the witness may have existed initially, but takes the view that it diminished and indeed disappeared with the passing of time" – *"Letellier vs France", ECHR, 26 ta' Ġunju, 1991;*

*(vi)* "The Court points out that such a danger (of absconding) cannot be gauged solely on the basis of the severity of the sentence risked. It must be assessed with reference to a number of other relevant factors which may either confirm the existence of a danger of absconding or make it appear so slight that it cannot justify detention pending trial" – *"Lettellier vs France", ECHR 26 ta' Gunju, 1991;*

*(vii)* "The Court, accepts that, by reason of their particular gravity and public reaction to them, certain offences may give rise to a social disturbance capable of justifying pretrial detention, at least for a time. In exceptional circumstances this factor may therefore be taken into account for the purposes of the

Convention, in any event in so far as domestic law recognizes the notion of disturbance to public order caused by an offence" - *"Lettellier vs France", ECHR, 26 ta' Ġunju, 1991'.*

*Illi r-rikorrent ġie mixli b'wieħed mill-iktar reati gravi ikkontemplati fil-Kodiċi Kriminali u ċioé dak ta' omiċidju volontarju li jġorr miegħu piena ta' għomor il-ħabs. Ir-rikorrenti għamel diversi rikorsi fejn talab li jingħata l-ħelsien mill-arrest liema talbiet gew dejjem miċħuda mill-Qrati penali. Meta wieħed jifli d-digrieti b'mod partikolari dawk li ġew esebiti mir-rikorrent stess f'din il-kawża, isib li kull digriet huwa studjat u ben motivat.*

*Illi l-esponenti jagħmlu referenza għad-digriet tal-Qorti Kriminali datat 7 t'April 2020 fejn il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:*

'Illi għalkemm il-persuna akkużata hija preżunta innoċenti sakemm ma jkunx hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tagħha, madanakollu il-jedd għal ħelsien mill-arrest mhuwiex wieħed awtomatiku, iżda dejjem f'kull żmien u f'kull waqt jibqa' soġġett għall-garanziji meħtieġa fl-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem meta titkellem fuq il-jedd mħares fl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni żviluppat erba' raġunijiet li jistgħu b'xi mod jiġġustifikaw id-detenzjoni tal-persuna mixlija bil-kummissjoni ta' reat u ċioé:

***(a) The risk that the accused will fail to appear for trial;***

***(b) The risk that the accused, if released, would take action to prejudice the administration of justice, or***

***(c) Commit further offences, or***

***(d) Cause public disorder (Buzadji v. the Republic of Moldova [GC], §88; Tiron v. Romania, § 37; Smirnova v. Russia, § 59; Piruzyan v. Armenia, § 94)***

Illi huwa indubitat illi l-fattispeċje ta' dan il-każ huma wiesgħa aktar minn dawk riflessi fl-atti proċesswali. Tant hu hekk illi mhuwiex ikkontestat illi l-inkjesta maġisterjali dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia għadha miftuha b'suspett qawwi allura illi wħud mill-malviventi nvoluti fil-kummissjoni tad-delitt għadhom ma ġewx kollha interċettati. Illi din l-imvestigazzjoni wiesgħa li hija attiva allura għandha tfisser illi f'dan il-każ jista' jkun hemm il-periklu reali ta' preġudizzju fil-kors tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

*In cases concerning organized criminal activities or gangs, the risk that a detainee, if released, might bring pressure to bear on witnesses or other co-suspects, or otherwise obstruct the proceedings, is often particularly high (Stvrtecky v. Slovakia, § 61; Podeschi v. San Marino, § 149).*

Illi allura ġjaladarba għad hemm terzi persuni li jistgħu ikunu involuti fil-kummissjoni tal-istess reat u li għadhom ma ġewx identifikati, jista' jinħoloq xkiel fil-proċess tal-ġustizzja sabiex il-malviventi kollha jitressqu biex iwieġbu għal għemilhom. Fil-fatt huwa paċifiku illi kif jistqarr r-rikorrenti stess huwa diġà ġie avviċinat sabiex ikun hemm dan ix-xkiel kif imsemmi.

Mhux biss iżda l-akkużi li bihom ir-rikorrenti jinsab mixli huma tali li qed jirrekaw il-biza' ta' hekk imsejjħa "public disorder" li titkellem dwarha il-Qorti Ewropea:

*This ground can be regarded as relevant and sufficient only provided that is is based on facts capable of showing that the accused`s release would actually disturb public order. In addition, detention will continue to be legitimate only if public order remains actually threatened; its continuation cannot be used to anticipate a custodial sentence (Letellier v. France, § 51; I.A. v. France, § 104; Prencipe v. Monaco, § 79; Tiron v. Romania, § § 41-42).*

Illi mhux biss iżda l-istadju tal-ġbir tal-provi għadu wieħed bikri bil-maġġjor parti tax-xhieda għadhom iridu jiddeponu, dan apparti l-konsiderazzjoni ewlenija marbuta mall-fattispeċje partikolari ta' dan il-każ. Kif ingħad, meta għad hemm il-periklu li jista' jinħoloq preġudizzju serju fil-kors tal-amminisrazzjoni tal-ġustizzja minħabba n-natura gravi tar-reati li dwarhom jinsab mixli r-rikorrenti fejn allura għadha teżisti dik il-biza' reali ravvizata fl-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali li almenu f'dan l-istadju għadha tiġġustifika d-detenzjoni tar-rikorrenti'.

*Anke fid-digriet tal-Qorti Kriminali li ingħata* in camera *datat 21 t'April 2020 fih insibu numru ta' konsiderazzjonijiet li waslu sabiex il-Qorti terġa' tiċħad it-talba għall-ħelsien mill-arrest tar-rikorrenti.*

*Dan kollu qed jingħad sabiex jiġi enfasizzat il-fatt li hawnhekk żgur li m'għandniex sitwazzjoni fejn persuna akkużata ma tafx fuq liema bażi qiegħda tinżamm arrestata jew detentuta u huwa evidenti li ċ-ċaħda għal-libertà provviżorja hija ibbażata fuq numru ta' kriterji li jissemmew fid-digrieti tal-Qorti Kriminali.*

*Niġu issa biex neżaminaw l-ilment tar-rikorrenti fid-dawl tal-allegazzjonijiet li għamel fil-konfront tas-Suprintendent intimat partikolarment dawk li għandhom x'jaqsmu mal-miżuri li ittieħdu sabiex tiġi kkontrollata l-COVID-19.*

*Illi l-Prof Charmaine Gauci fix-xhieda tagħha tal-11 ta' Mejju 2020 spjegat kif hi bħala Suprintendent tas-Saħħa Pubblika iddikjarat emerġenza ta' saħħa pubblika b'effett mis-7 ta' Marzu 2020 skont l-Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta) minħabba l-imxija f'Malta tal-pandemija COVID-19. In segwitu għal din id-dikjarazzjoni kellhom jittieħdu numru ta' miżuri sabiex titħares is-saħħa pubblika u dan b'konformità mal-artikolu 27(ċ) tal-istess Att li jagħti lis-Suprintendent intimat poteri speċjali li tagħmel ordnijiet li jordnaw miżuri biex*

*jissalvagwardjaw kontra jew jikkontrollaw epidemiji perikolużi jew mard infettiv kif huwa il-COVID-19.*

*F'dan il-kuntest inħarġu żewġ Avviżi Legali ċioé l-Avviż Legali 61 tat-2020 u l-Avviż Legali 65 tat-2020 li bihom is-Suprintendent ordnat li jingħalqu l-Qrati tal-Ġustizzja u r-Reġistru u jiġu sospiżi l-ħinjiiet u termini legali. Dan sar peress li huwa rikonoxxut li pandemija COVID-19 huwa virus li jittieħed faċilment minn persuna għal oħra tramite* droplets *u li ġialadarba fil-bini tal-Qorti ikun hemm konċentrazzjoni kbira ta' nies li jridu joqgħodu ħdejn xulxin fi spazju ristrett bil-konsegwenza li jekk ma jittieħdux miżuri adegwati ir-riskju li l-virus jinfirex huwa wieħed għoli ħafna u dan għad-detriment tas-saħħa pubblika. L-ordnijiet maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika żgur li ma nħarġux b'mod kapriċċuż iżda nħarġu f'kuntest ta' pandemija sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika.*

*Kif innotat l-istess Prof. Gauci waqt ix-xhieda tagħha, fl-awli tal-Qorti jinġemgħu ħafna nies u huwa diffiċli ferm li tinżamm* social distancing *ta' żewġ metri bejn il-persuni bil-konsegwenza li kien inevitabbli li l-miżuri jolqtu ukoll il-Qrati tal-Ġustizzja. Speċifikatament dwar il-miżuri li laqtu lil-Qrati il-Prof Charmaine Gauci fix-xhieda tagħha iddikjarat is-segwenti:*

> ***Dr. Victoria Buttigieg** : Issa ħa nistaqsik speċifikament fuq l-ordnijiet li ħriġt dwar il-Qorti. Tgħidilna kemm-il ordni ħriġt, ghalfejn ħriġthom u tispjegalna ftit il-*background *taghhom?*
>
> ***Prof Charmaine Gauci** : Iva. Bażikament aħna rajna mir-*risk assessment*, aħna bħal ma għidt għamilna* risk assessment *ta' diversi postijiet ħalli naraw fejn huma dawk il-postijiet fejn inti għandek nies li qed jiltaqgħu u huma qrib ħafna ta' xulxin u speċjalment nies li s-soltu ma jkunux nies li inti tiltaqa' magħhom. Per eżempju jekk inti ħa tkun man-nies li s-soltu tkun fid-dar magħhom, dawk huma nies li s-soltu tkun fid-dar magħhom però aħna naraw li hemm postijiet fejn inti għandek nies li tiltaqa' ma' nies oħrajn, allura inti r-riskju li tiltaqa' ma' nies oħrajn li għandom il-virus u mhux is-soltu tiltaqa' magħhom huwa iktar u proprju l-Qorti kien wieħed minnhom u kien għalhekk li aħna ħriġna dawn l-avviżi legali jiġifieri aħna għandek* legal notice *61/2020 li proprju ħarġet fit-13 ta' Marzu fejn int din jipprovdi li l-Qorti jista' jingħalaq u int jkollok l-*legal *u* judicial terms *li jiġu* suspended*. Però wkoll f'dan l-istess avviż legali li juri wkoll li l-Qorti jista' jordna, il-Qorti stess iġifieri jordna ftuħ ta' dan il-Qorti biex jinstemgħu każijiet li huma urġenti kemm fl-interess tal-pubbliku skont il-kundizzjonijiet li tippermetti fil-pandemija jiġifieri dawk il-*mitigation measures *li aħna semmejna li jinkludu* mitigation measures *ta' persuni li jilbes il-maskra, li jkun hemm* social distancing*, li jitnaqqsu kemm jista' jkun in-nies li jkollhom ghalfejn jidħlu fil-Qorti. Dawn kollha huma miżuri li int ftaħt ir-riskju għaliex qed tippermetti nies li jidħlu. Allura*

> *dak ir-riskju trid tnaqqsu kemm tista' u permezz ta'* mitigation measures *inti tipprova tnaqqas jerga' ftit iktar minn dak ir-riskju. Ir-riskju xorta jibqa' hemm u ma tistax tneħħih kompletament. Imbagħad aħna fis-16 ta' Marzu, hemmhekk kien hemm* closure *tal-Qorti u tar-Reġistru'.*

*Illi ċertament li ma hemm l-ebda dubju li l-miżuri tal-egħluq tal-Qrati da parti tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika saru sabiex jipproteġu s-saħħa pubblika inkluż dawk tal-ġudikanti, avukati, impjegati tal-qorti, partijiet fil-kawża u kif ukoll tal-pubbliku in generali li jagħmel użu mis-servizzi tal-qrati. Illi r-rikorrenti qiegħed jallega li bil-ħruġ ta' dawn iż-żewg Avviżi Legali (Avviż Legali 61 tal-2020 u 65 tal-2020) qiegħed jiġi leż id-dritt għal-libertà tiegħu u dan stante li tali avviżi legali ma għandhom l-ebda data tat-tmiem tagħhom u peress li skont ir-rikorrenti dawn l-avviżi legali ħarġu mis-Suprintendent li minnhom ma hemmx reviżjoni allura skont ir-rikorrenti qiegħed jiġi leż lilu d-dritt tal-libertà. L-esponenti jissottomettu li minkejja li l-Avviżi Legali maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika ma għandhomx terminu madanakollu dan ma jfissirx li s-Suprintendent għalqet il-Qrati u r-reġistri u remiet iċ-ċavetta. L-istess Suprintendent daħlet salvagwardji fl-istess avviż legali sabiex jekk Qorti tkun tal-fehma li kawża hija urġenti jew li jkun fl-interess pubbliku li każ jinstema', dik il-qorti stess tisma' dak il-każ. Anke jekk sempliċement nagħtu ħarsa lejn in-numru konsiderevoli ta' rikorsi li ntavola r-rikorrenti stess quddiem il-Qrati penali wara s-16 ta' Marzu 2020 u li jinstabu esebiti fl-atti ta' dina l-kawża huwa ċar li dina s-salvagwardja li daħlet is-Suprintendent sabiex kawżi urġenti jibqgħu jinstemgħu intużat fil-konfront tar-rikorrenti. F'dan il-kuntest qiegħdha ssir riferenza għal numru ta' rikorsi għall-ħelsien mill-arrest li saru da parti tar-rikorrenti u li nstemgħu fi żmien qasir ħafna mill-Qrati li quddiemhom saru dawn it-talbiet. Illi tajjeb illi jingħad illi l-fatt li t-talba tar-rikorrenti sabiex tkompli l-kumpilazzjoni in konfront tiegħu ġiet miċħuda mill-Qorti Kriminali ma jfissirx li l-Avviżi Legali bl-ordnijiet tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika huma b'xi mod leżivi tad-drittijiet tar-rikorrenti. Kif intwera tajjeb anke mill-provi l-avviżi legali jipprovdu l-possibilità li kawża tinstema' anke meta tkun għadha viġenti l-ordni tal-egħluq tal-Qrati tal-Ġustizzja.*

*Illi wieħed ma jistax jinjora l-fatt li l-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha tat-8 t'April 2020 fejn ċaħdet dina t-talba tar-rikorrenti kienet studjata u ċ-ċaħda saret abbażi ta' raġunijiet li fil-mument li ngħata dak id-Digriet kienet sitwazzjoni reali fejn in-numri ta' persuni infettati kien pjuttost elevat fejn il-pajjiż kien fi stadju ta'* partial lockdown *u li għalhekk li ċertament fl-aħjar interess kemm tas-saħħa tar-rikorrenti kif ukoll tas-saħħa pubblika ma kienx kunsidrat bħala mument propizzju sabiex tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti. Il-Qorti Kriminali għalhekk osservat li "waħda mir-raġunijiet prinċipali għaliex il-Qrati ġew magħluqa kienet preċiżament sabiex jiġi evitat li jinġemgħu ħafna nies f'postijiet magħluqa in kwantu dan jgħin bil-kbir l-imxija tal-marda msejha COVID-19. Il-proċedura penali tal-kompilazzjoni teħtieġ li l-*

*awla jkun hemm il-preżenza ta' għadd ġmielu ta' nies li jkunu jinsabu f`post konfinat u għal ħin konsiderevoli ta' ħin. U dan apparti l-element ta' traġitt li kull persuna tkun trid tagħmel sabiex dan il-proċess ikun jista' jitwettaq".*

*Illi l-esponenti jissottomettu li kien proprju biex jinħoloq bilanċ bejn il-protezzjoni tas-saħħa pubblika fuq naħa u l-ħtieġa li l-Qrati ikomplu bil-ħidma tagħhom f'każijiet urġenti fuq in-naħa l-oħra, l-Avviż Legali 61 tat-2020 fl-ordni 3(2) jgħid li:*

> Kull ordni maħruġa skont is-subartikolu (1) ma għandux jippreġudika s-setgħa ta' kwalunkwe qorti li tordna l-ftuħ tar-reġistru tagħha, is-smigħ ta' kwalunkwe każ u kull ħaġa konsegwenzjali u inċidentali għaliha f'każijiet urġenti jew f'każijiet fejn tqis li l-interess pubbliku biex il-każ jinstema' għandu jipprevali, soġġett għal xi arranġamenti speċifiċi għall-ħarsien kontra u, jew għall-kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv hekk kif il-qorti tista' tiddetermina.

*Illi dan l-ordni jagħti lil-Qrati il-poter sabiex f'każijiet urġenti s-smigħ tal-kawżi xorta ikun jista' jsir. L-evalwazzjoni dwar jekk każ huwiex urġenti jew li jkun fl-interess pubbliku li jinstema', issir mill-Qorti. Kif din l-Onorabbli Qorti iddeċidiet li għandha tappunta u tisma' l-kawża kostituzzjonali odjerna minkejja l-ordni li l-Qrati ikunu magħluqa, daqstant ieħor jistgħu jagħmlu Qrati oħra jekk jidhrilhom li hekk huwa meħtieġ li jsir fl-interess pubbliku.*

*Illi anke fil-każ tar-rikorrenti jirriżulta li meta r-registru u l-qrati kienu magħluqa xorta waħda kull talba tar-rikorrenti għall-ħelsien mill-arrest ġiet appuntata, mismugħa u deċiża. Tant hu hekk li ġew esebiti proprju erbgħa digrieti tal-Qorti Kriminali li ingħataw fiż-żmien meta l-Qorti u r-reġistru kienu magħluqin. Madanakollu l-esponenti jisħqu li l-fatt li t-talbiet li għamel ir-rikorrenti ġew miċħuda mill-Qorti b'daqshekk ma jfissirx li l-ordnijiet tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'xi mod jiksru d-dritt tal-libertà tar-rikorrenti. Anzi dan jikkonferma li r-rikorrent qed jinżamm arrestat b'ordni ta' Qorti għaliex għandu kawża kontrih li għadha għaddejja u għalhekk l-arrest tar-rikorrenti huwa wieħed ġustifikat u skont il-liġi indipendentement minn kwalunkwe deċiżjoni li setgħet ittieħdet mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-kwistjoni ta' reviżjoni allegat mir-rikorrenti tajjeb li jingħad li l-poteri vestiti fis-Suprintendent huma poteri speċjali li jitħaddmu f'kuntest ta' emerġenza ta' saħħa pubblika u mhumiex deċiżjonijiet ta' natura amministrattiva ordinarja kif qiegħed jagħti x'jifhem ir-rikorrenti. Illi l-leġislatur stess ta lis-Suprintendent poteri leġislattivi li permezz tagħhom toħroġ ordnijiet fil-forma ta' avviżi legali kull meta jkun hemm pandemija jew tifrix ta' mard infettiv. Infatti minn ħarsa lejn l-Att dwar is-Saħħa Pubblika jirriżulta* ictu oculi *li l-Artikolu 27 tal-Kap. 465 li abbażi tiegħu s-Suprintendent toħroġ ordnijiet jaqa' taħt it-Taqsima III intitolata 'Poteri sabiex isiru regolamenti' liema taqsima wieħed isib il-poteri li l-*

*leġislatur jagħti lill-Ministru (artikolu 26) u l-poteri li l-leġislatur jagħti lis-Suprintendent (artikolu 27). Illi l-poter tas-Suprintendent kull meta toħroġ ordni skont l-artikolu 27 tal-Kap. 465 mhuwiex ordni ta' natura amministrattiva iżda taqa' fl-isfera tal-poter speċjali leġislattiv li l-istess leġislatur afda f'idejn is-Suprintendent f'ċirkostanzi staordinarji li bħalissa Malta qiegħdha tiffaċċja bħal ma qiegħdha tiffaċċja d-dinja kollha.*

*Illi r-rikorrenti jilmenta wkoll mid-Digriet tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2020 u dan stante li fl-imsemmi digriet dik il-Qorti ċaħdet it-talba tal-istess rikorrenti. L-esponenti jissottomettu li ċertament li persuna ma tistax tippromwovi lanjanza kostituzzjonali bi pretest sabiex tappella minn deċiżjoni ta' qorti oħra. Il-mansjonijiet ta' Qrati vestiti b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali huma ben definiti u huma ntiżi biss sabiex jistħarrġu kwistjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali u mhux jekk qorti oħra ddeċidietx tajjeb kwistjoni li nġabet quddiemha jew interpretatx tajjeb xi dispożizzjoni legali. Illi minn qari tad-Digriet tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2020 jirriżulta bl-aktar mod lampanti li dik il-Qorti analizzat l-argumenti li ġew miġjuba quddiemha u ċaħdet it-talba għar-raġunijiet mogħtija minnu. Madanakollu r-rikorrenti mhuwiex ġust meta jgħid li biċ-ċaħda ta' tali rikors ifisser li huwa ser jibqa' taħt arrest. L-istess rikorrenti jista' dejjem jintavola talba oħra jekk jinbidlu ċ-ċirkostanzi li abbazi tagħhom ġiet miċħuda t-talba tiegħu. Ċertament li l-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha wieżnet id-drittijiet kollha li kellha quddiemha u ċioé fuq naħa waħda d-drittijiet tar-rikrorenti u n-naħa l-oħra d-drittijiet tas-salvagwardja tas-saħħa pubblika. Ċertament li d-dritt għall-ħajja huwa dritt li jieħu s-soppravvent fuq kull dritt ieħor u li huwa dritt li qatt ma jista' jiġi derogat u huwa għalhekk li l-Qorti Kriminali tat dik id-deċiżjoni li tat.*

*Illi magħdud ma' dak li diġà ntqal, l-esponenti jissottomettu wkoll li l-artikolu 5(3)* **The Guide on Article 5 of the Convention – Right to liberty and security** *jgħid li:*

> 'The question whether a period of time spent in pre-trial detention is reasonable cannot be assessed in the abstract. Whether it is reasonable for an accused to remain in detention must be assessed on the facts of each case and according to its specific features. Continued detention therefore can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention.
>
> 194. The responsibility falls in the first place to the national judicial authorities to ensure that, in a given case, the pre-trial detention of an accused person does not exceed a reasonable time. To this end they must, paying due regard to the principle of the presumption of innocence, examine all the facts arguing for or against the existence of the above-mentioned demand of public interest

justifying a departure from the rule in Article 5 and must set them out in their decisions on the applications for release.

The Convention case-law has developed four basic acceptable reasons for refusing bail: (a) the risk that the accused will fail to appear for trial; (b) the risk that the accused, if released, would take action to prejudice the administration of justice, or (c) commit further offences, or (d) cause public disorder (Buzadji v. the Republic of Moldova [GC], § 88; Tiron v. Romania, § 37; Smirnova v. Russia, § 59; Piruzyan v. Armenia, § 94). Those risks must be duly substantiated, and the authorities' reasoning on those points cannot be abstract, general or stereotyped (Merabishvili v. Georgia [GC], § 222). However, nothing precludes the national judicial authorities from endorsing or incorporating by reference the specific points cited by the authorities seeking the imposition of pre-trial detention (ibid., § 227).'

*L-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti tressaq b'arrest fit-30 ta' Novembru 2019 u minn dik id-data sal-20 ta' Frar 2020 saru numru konsiderevoli ta' seduti fejn xehdu diversi xhieda tal-Prosekuzzjoni. Illi r-rikorrenti ma jikkontestax li saru seduti fil-kumpilazzjoni tiegħu b'mod regolari. Illi dak li qiegħed jikkontesta huwa li l-kumpilazzjoni tiegħu waqfet mis-16 ta' Marzu 2020 sad-data meta preżenta r-rikors promotur u ċioé ghal xahar u nofs. L-esponenti jissottomettu li kif dejjem irriteniet il-Qorti Ewropea l-perijodu ta' arrest preventiv dejjem irid jiġi eżaminat fl-ispeċifiku u mhux b'mod astratt jew vag. Illi fil-każ odjern kif intqal, is-seduti tal-kumpilazzjoni nżammu b'mod regolari. Kien biss meta f'Malta feġġet il-imxija tal-pandemija tal-COVID-19, fejn il-pajjiż tpoġġa taħt* partial lockdown *li s-seduti tal-kumpilazzjoni waqfu (dejjem bil-possibilità li jitkomplew jekk il-Qorti tkun sodisfatta bl-urġenza) u dan abbażi ta' raġuni ġenwina fl-interess pubbliku. Ċertament li bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' wieħed jinjora li l-imxija tal-pandemija mhijiex raġuni valida fl-interess pubbliku li tieħu soppravent fuq d-dritt tal-libertà ta' persuna.*

*Dwar dan l-esponenti ser jirreferu għad-digriet tal-Qorti Kriminali datat 21 t'April 2020 fejn ingħad is-segwenti:*

***'Iżda irrispettivament minn din is-sitwazzjoni eċċezzjonali ta' stat t'emerġenza ta' saħħa pubblika, f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta jiġu meqjusa r-raġunijiet imsemmija aktar-il fuq, din il-Qorti ma tqisx li r-rikorrent jista' jingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest.***

*Qabel xejn il-bdil fiċ-ċirkostanzi mid-digriet mogħti minn din il-Qorti fis-7 t'April 2020 kien minimu. Din il-Qorti diversament presjeduta kienet diġà għamlet analiżi u l-apprezzament tagħha tal-maġġor parti tal-argumenti priniċipali imressqa mir-rikorrent quddiemha f'anqas minn gimgħatejn bejn digriet u ieħor.*

*Inoltre, din il-Qorti, kif diġà saħqet fid-digriet tagħha tas-7 t'April 2020, wara li qieset l-elementi, kriterji u l-konsiderazzjonijiet kollha aktar 'il fuq imsemmija fl-assjem tagħhom, f'dan l-istadju tiċħad it-talba għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest u dan minħabba li mhix sodisfatta li jekk ir-rikorrent jingħata l-benefiċċju tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest bħalissa, huwa jkun jista' jagħti garanziji suffiċjenti li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew ma jinħebiex jew ma jaħrabx minn Malta; jew josserva l-kondizzjonijiet kollha li l-Qorti timpani fuqu; jew ma jinterferixxix max-xhieda jew b'xi mod ieħor li ma jintralċjax il-kors tal-Ġustizzja fir-rigward tiegħu jew xi persuna oħra; jew ma jikkommettix reat ieħor.'*

*Kif qalet il-Qorti Kriminali f'dan id-digriet, ir-rikorrent ma jissodisfa l-ebda kriterju li ssemmi l-liġi sabiex persuna tingħata l-ħelsien mill-arrest u dan l-istat ta' fatt għadu ma inbidilx. Apparti dan din l-Onorabbli Qorti m'għandiex tintuża biex jiġu riveduti sentenzi jew digrieti li jkunu inħataw leġittimament minn Qrati oħra.*

*Huwa skorrett ukoll ir-rikorrent meta jgħid li hu m'ghandux rimedju effettiv għar-revijżoni tal-ħelsien mill-arrest tiegħu u dan għaliex il-jedd tar-rikorrent li jagħmel rikorsi fil-Qrati kriminali sabiex l-arrest tiegħu jiġi revokat jew rivedut għadu impreġudikat tant li l-istess rikorrenti għamel użu minn dan ir-rimedju tlett darbiet matul ix-xahar t'April 2020.*

*Illi kif intqal, ir-rikorrenti jilmenta li l-Avviżi Legali mertu tal-kżawa ma jagħtu l-ebda ċertezza ta' temporalità ta' meta l-proċeduri kriminali li hemm pendenti kontrih ser jitkomplew. Kif qalet il-Prof Gauci waqt ix-xhieda tagħha, fil-preżent ma tistax tgħid b'ċertezza meta l-Qrati jistgħu jerġgħu jinfetħu u dan għaliex kollox jiddependi kemm il-firxa tal-COVID-19 f'pajjiżna ser tiġi kontrollata. Illi każijiet urġenti jew li huma ta' interess pubbliku jistgħu jinstemgħu mill-Qrati tagħna dment li jittieħdu l-prekawzzjonijiet kollha neċessarji sabiex l-imxija tal-COVID-19 tibqa' imrazzna kemm jista jkun. Proprju fuq dan il-punt u fuq mistoqsija ta' din l-Onorabbli Qorti il-Prof Gauci qalet is-segwenti:*

**Qorti :** Fir-rigward tal-persuni arrestati, min qed jagħmel l-*assessment* tad-drittijiet tagħhom u x'miżuri jistgħu jittieħdu biex il-kumpilazzjonijiet tagħhom ikomplu jinstemgħu jekk jista' jagħti l-każ. Jiġifieri jekk jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha li jistgħu jittieħdu, min qed jevalwa, mhux ir-riskju tas-saħħa, dak tagħmlu inti, id-drittijiet taghhom il-fatt li dawn qegħdin arrestati għal żmien indefinit, jistgħux jittieħdu l-prekawzjonijiet fil-bini talQorti biex il-każ tagħhom ikompli jinstema'.

**Prof Charmaine Gauci :** Min qed jagħmel l-assessment mhux fil-kompitu tiegħi għax jiena min-naħa ta' saħħa pubblika, però l-Legal Notice tagħti l-lok lill-Qorti li tiddeċiedi li fejn ikun hemm każijiet urġenti jew inkella ta' natura ta' public

interest. dawk jistgħu jinstemgħu u min-naħa tagħna aħna hemmhekk ukoll tajna l-pariri ta x'inhuma dawn il-miżuri li għandhom jittieħdu proprju f'dik iċ-ċirkustanza.

*Dan japplika għall-każ tar-rikorrent li għandu dejjem il-possibilità li jitlob lil Qorti tal-Maġistrati sabiex tissokta bil-kumpilazzjoni u għall-helsien mill-arrest. Illi fix-xhieda mogħtija mill-Professur Gauci jirriżulta wkoll li fil-post fejn qiegħed jinzamm ir-rikorrenti taħt arrest preventiv ittieħdu diversi mizuri ta' prevenzjoni fosthom li l-vizitaturi ma jitħallewx imorru fil-facilità, li l-impjegati ma jmorrux f'darhom wara ġurnata ta' ħidma fil-ħabs iżda jibqgħu hemm għall-perijodu ta' żmien u ma jinbidlux spiss ħalli ma jiddaħħalx il-virus fil-ħabs, essenzjalment qegħdin jigu replikati l-istess miżuri preventivi adottati fid-djar tal-anzjani.*

*Illi fl-aħħarnett ir-rikorrenti jilmenta wkoll li l-Avukat Ġenerali ma bagħatx l-atti tal-kumpilazzjoni lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja biex tkompli bil-kumpilazzjoni u li l-Avukat Ġenerali bl-ebda mod ma qanqal il-kumpilazzjoni tar-rikorrenti. F'dan ir-rigward l-esponenti jissottomettu li mal-egħluq tal-Qrati u r-reġistri ġew ukoll sospiżi t-termini legali u ġudizzjarji. Illi madanakollu dan ma jfissirx li r-rikorrenti ma kellux rimedju: kif intwera f'dina n-Nota l-istess rikorrenti dejjem seta' jadixxi huwa stess lill-Qrati penali sabiex jitlob il-ħelsien mill-arrest u sabiex jitlob li tkompli l-kumpilazzjoni tiegħu. Illi dawn ir-rimedji l-istess rikorrenti utilizza iżda l-fatt li l-Qrati penali ma qablux ma' dak li talab ir-rikorrenti ma jfissirx li r-rikorrenti sofra ksur tad-drittijiet tiegħu għal-libertà.*

*Illi jsegwi ghalhekk li l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2020, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Ir-rikorrenti li ilu taħt arrest preventiv mit-30 ta' Novembru, 2019, qiegħed jilmenta li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu meta bl-effetti tal-Avviżi Legali 65 u 61 tal-2020[36], is-smigħ tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ġie sospiż *sine die*, tant hu hekk li huwa kellu l-aħħar udjenza fl-20 ta' Frar, 2020. Ir-rikorrent jilmenta ukoll li l-Avukat Ġenerali ma bagħatx l-atti tal-kumpilazzjoni lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja biex tkompli bil-kumpilazzjoni, u dan fuq il-premessa li mal-għeluq tal-Qrati u r-reġistri, ġew ukoll sospiżi t-termini legali u ġudizzjarji. Ir-rikorrent isostni li bl-għeluq tal-Qrati u bis-sospensjoni *sine die* tas-smigħ tal-kumpilazzjonijiet, iż-żamma tiegħu taħt arrest preventiv saret waħda indefinita u leżiva tad-dritt fundamentali tal-libertà. Ir-rikorrent jikkontendi li l-arrest tiegħu m'għadux konformi mal-liġi peress li l-Avviżi Legali 65 u 61 tal-2020 ma joffru l-ebda sens ta' ċertezza legali u protezzjoni kontra l-applikazzjoni arbitrarja tagħhom. Ir-rikorrent jgħid ukoll li huwa adixxa lill-Qorti Kriminali sabiex l-Avukat Ġenerali jiġi ordnat jirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u tkun tista' tissokta l-kumpilazzjoni, imma b'digriet tat-8 ta' April, 2020[37] il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex tissokta l-kumpilazzjoni, u *obiter* qalet li wara li qieset l-element tal-urġenza u l-interess pubbliku li l-kumpilazzjoni ta' provi f'kawża kriminali ġġorr magħha f'keffa minnhom, kif ukoll id-delikatezza tas-sitwazzjoni u r-riskju tat-tixrid tal-marda COVID-19 jekk il-kumpilazzjoni tiġi ordnata li tissokta, għanda tipprevali l-konsiderazzjoni tas-saħħa pubblika, inkluż dik tar-rikorrent innifsu. Ir-rikorrent isostni li d-drittijiet fundamentali

---

[36] Li ġew trasposti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 465.19 u 465.17.

[37] *A fol.* 134 tal-proċess.

tal-bniedem kif sanċiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta ma jistgħu qatt jiġu derogati, u deroga mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem tista' ssir biss permezz ta' dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza pubblika kif imfisser fl-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrent jgħid li dikjarazzjoni ta' emerġenza tas-saħħa pubblika *ai termini* tal-Avviżi Legali 65 u 61 tal-2020 mhijiex id-dikjarazzjoni maħsuba fl-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li fil-fatt ma saritx. Ir-rikorrent jgħid li l-intimata Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, li hija l-unika persuna vestita bis-setgħa taħt l-imsemmija Avviżi Legali li tiftaħ il-Qorti ta' Malta u li tordna l-issuktar tat-termini legali, m'għandhiex *security of tenure*, u għalhekk deċiżjoni importanti bħal din, hija waħda arbitrarja bl-ebda sens ta' oġġettività jew kriterji ċari. Ir-rikorrent jissottometti illi in vista tal-Avviżi Legali 65 u 61 tal-2020 u tal-interpretazzjoni li tat tagħhom il-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha tat-8 ta' April, 2020, il-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tiegħu taħt arrest preventiv hija waħda indefinita, arbitrarja u ċċaħdu milli jikseb rimedju effettiv għar-reviżjoni tal-ħelsien, u tilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem kif moqri mal-artikolu 5(3) u (4) tal-istess Konvenzjoni.

Min-naħa tagħhom l-intimati jwieġbu li d-dritt enunzjat bl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea li *'kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna'* mhuwiex wieħed assolut u d-detenzjoni tar-rikorrent tinkwadra ruħha perfettament taħt l-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni u dan stante li l-arrest tar-rikorrent huwa neċessarju sabiex jassigura li r-rikorrenti ma jaħrabx minn Malta. L-intimati jissottomettu illi l-arrest tar-rikorrent matul il-perijodu kollu inkwistjoni kien wieħed permess kemm mill-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Kostituzzjoni ta' Malta, stante li r-rikorrent ġie mċaħħad mil-libertà

personali tiegħu kif awtorizzat bil-liġi, fuq suspett raġonevoli li huwa kkommetta, jew kien ser jikkommetti, reat kriminali. L-intimati jsostnu li r-rikorrent ġie mixli b'wieħed mill-iktar reati gravi ikkontemplati fil-Kodiċi Kriminali u ċjoé dak ta' omiċidju volontarju, li jġorr miegħu piena ta' għomor il-ħabs. Jgħidu li r-rikorrent għamel diversi rikorsi fejn talab li jingħata l-ħelsien mill-arrest, liema talbiet ġew dejjem miċħuda mill-Qrati penali. L-intimati jsostnu li hawnhekk żgur li m'għandniex fejn persuna akkużata ma tafx fuq liema bażi qiegħda tinżamm arrestata jew detenuta u huwa evidenti li ċ-ċaħda għal-libertà provviżorja hija bbażata fuq numru ta' kriterji li jissemmew fid-digrieti tal-Qorti Kriminali. L-intimati jgħidu li l-miżuri tal-għeluq tal-Qrati mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika saru biex jipproteġu s-saħħa pubblika, inkluż tal-ġudikanti, avukati, impjegati tal-Qorti, partijiet fil-kawża u kif ukoll tal-pubbliku li jagħmel użu mis-servizzi tal-qrati. L-intimati jissottomettu li minkejja l-imsemmija Avviżi Legali m'għandhomx terminu, madanakollu dan ma jfissirx li s-Suprintendent għalqet il-Qrati 'u rmiet iċ-ċavetta'. L-istess Suprintendent daħlet salvagwardji fl-istess Avviżi Legali sabiex jekk il-Qorti tkun tal-fehma li kawża hija urġenti jew li jkun fl-interess pubbliku li l-każ jinstema', dik il-Qorti stess tisma' dak il-każ. Jgħidu wkoll li l-fatt li t-talba tar-rikorrenti sabiex tkompli l-kumpilazzjoni fil-konfront tiegħu, ġiet miċħuda mill-Qorti Kriminali, ma jfissirx li l-Avviżi Legali bl-ordnijiet tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika huma b'xi mod leżivi tad-drittijiet tar-rikorrent. L-Avviżi Legali jipprovdu l-possibilità li kawża tinstema' anki meta tkun għadha viġenti l-ordni tal-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja. Il-fatt li t-talbiet tar-rikorrenti ġew miċħuda mill-Qorti jikkonferma li r-rikorrent qed jinżamm arrestat b'ordni ta' Qorti għaliex huwa għandu kawża kontrih li għadha għaddejja u għalhekk l-arrest tar-rikorrent huwa wieħed ġustifikat u skont il-liġi, indipendentement minn kwalunkwe deċiżjoni li setgħet ittieħdet mis-Suprintendent tas-Saħħa

Pubblika. Kwantu għall-ilment tar-rikorrent dwar id-digriet tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April, 2020, l-intimati jissottomettu li ċertament persuna ma tistax tippromwovi lanjanza kostituzzjonali bi pretest sabiex tappella minn deċiżjoni ta' qorti oħra. Jgħidu li l-mansjonijiet ta' Qrati vestiti b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali huma ben definiti u huma intiżi biss sabiex jistħarrġu kwistjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali u mhux jekk qorti oħra ddeċidietx tajjeb kwistjoni li nġabet quddiemha jew interpretatx tajjeb xi dispożizzjoni legali. L-intimati jgħidu li l-Qorti Kriminali fl-imsemmi digriet tagħha, wieżnet id-drittijiet kollha li kellha quddiemha, ċjoé fuq naħa waħda d-drittijiet tar-rikorrent u fuq in-naħa l-oħra l-obbligi u d-drittijiet li tiġi ssalvagwardjata s-saħħa pubblika. L-intimati jikkontendu li d-dritt tal-ħajja li huwa inerenti fil-ħarsien tas-saħħa pubblika, huwa dritt li jieħu s-sopravvent fuq kull dritt ieħor u huwa dritt li qatt ma jista' jiġi derogat u huwa għalhekk li l-Qorti Kriminali tat id-deċiżjoni li tat. L-intimati jissottomettu wkoll li r-rikorrent tressaq b'arrest fit-30 ta' Novembru, 2019 u minn dik id-data sal-20 ta' Frar, 2020 saru numru konsiderevoli ta' seduti fejn xehdu diversi xhieda tal-Prosekuzzjoni. Jgħidu li r-rikorrent ma jikkontestax li saru seduti fil-kumpilazzjoni tiegħu b'mod regolari, imma dak li qiegħed jikkontesta huwa li l-kumpilazzjoni tiegħu waqfet mis-16 ta' Marzu, 2020 'il quddiem. L-intimati jissottomettu li kif dejjem irriteniet il-Qorti Ewropea, il-perijodu ta' arrest preventiv dejjem irid jiġi eżaminat fl-ispeċifiku u mhux b'mod astratt jew vag. Jgħidu li fil-każ odjern, is-seduti tal-kumpilazzjoni saru b'mod regolari, u kien biss meta f'Malta feġġet il-pandemija tal-COVID-19, fejn il-pajjiż tpoġġa taħt *partial lockdown*, li s-seduti waqfu, dejjem bil-possibilità li jitkomplew jekk il-Qorti tkun sodisfatta bl-urġenza, u dan abbażi ta' raġuni ġenwina fl-interess pubbliku. L-intimati jgħidu li ħadd ma jista' jinjora l-fatt li l-pandemija hija raġuni valida fl-interess pubbliku li tieħu sopravent fuq id-dritt tal-libertà tal-

persuna.  Kwantu għall-ilment tar-rikorrent li l-Avukat Ġenerali ma bagħatx l-atti tal-kumpilazzjoni lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja biex tkompli bil-kumpilazzjoni, l-esponenti jissottomettu li mal-għeluq tal-Qrati u r-reġistri ġew ukoll sospiżi t-termini legali u ġudizzjarji. Illi madanakollu dan ma jfissirx li r-rikorrenti ma kellux rimedju, u dan dejjem seta' jadixxi huwa stess lill-Qrati penali sabiex jitlob il-ħelsien mill-arrest u sabiex jitlob li tkompli l-kumpilazzjoni tiegħu. Il-fatt li l-Qrati penali ma qablux ma' dak li talab ir-rikorrenti ma jfissirx li r-rikorrenti sofra ksur tad-drittijiet tiegħu għal-libertà. Barra minn hekk l-intimati kkonfermaw li l-President ta' Malta ma ħariġx Proklama kif imfissra fl-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta biex jiddikjara emerġenza pubblika fil-kuntest tal-pandemija COVID-19, u dan għaliex is-setgħat taħt l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Kap. 178 tal-Liġijiet ta' Malta jiġu eżerċitati biss f'kuntest fejn il-pajjiż ma jkunx jista' jiffunzjona minħabba emerġenza bħall-irvellijiet, gwerra jew f'każ ta' emerġenza sanitarja fejn l-emerġenza tkun ipparalizzat pajjiż. L-intimati spjegaw ukoll li l-Istat ta' Malta ma invokax id-deroga taħt l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni Ewropea, għaliex sabiex dan l-artikolu jiġi invokat, l-Istat Kontraenti jrid juri li l-liġijiet ordinarji li għandu fis-seħħ ma jkunux suffiċjenti jiex jovvjaw għall-periklu kkaġunat mill-emerġenza pubblika.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju, 2020 xehdet il-**PL Eunice Grech Fiorini**[38], Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, prodotta mir-rikorrent, li kkonfermat li l-atti tal-Kumpilazzjoni Numru 720/19 **Il-Pulizija (Spettur K.**

[38] *A fol.* 66 *et seq.* tal-proċess.

**Arnaud) (Spettur K. Zahra) *vs.* Yorgen Fenech**, jinsabu rinvjati għand l-Avukat Ġenerali. Ix-xhud ikkonfermat ukoll illi l-aħħar udjenza f'din il-kumpilazzjoni saret fl-20 ta' Frar, 2020. Ix-xhud ippreżentat vera kopja tal-atti li ġew preżentati fil-Qorti Kriminali fl-atti tal-imsemmija wara li ngħalaq il-Qorti, u ċjoé erba' digrieti, kif ukoll il-verbali u r-rikorsi.[39] L-istess xhud fil-11 ta' Mejju, 2020 ippreżentat permezz ta' nota lista ta' kumpilazzjonijiet li nstemgħu wara l-għeluq tal-Qrati *ai termini* tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020, hekk kif obbligat ruħha li tagħmel fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2020.

Waqt l-istess seduta xehdet l-intimata l-**Prof. Charmaine Gauci**[40], Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, illi qalet li ilha tokkupa l-kariga għal tliet snin u ħames xhur. Tgħid illi s-Suprintendenza tas-Saħħa Pubblika hija l-awtorità li tipproteġi s-saħħa pubblika f'Malta u li toħroġ numru ta' *standards* biex jiġu regolati l-affarijiet li jkunu għaddejjin fil-pajjiż, li jistgħu jkunu ta' dannu għas-saħħa pubblika u toħroġ ukoll miżuri ta' protezzjoni għall-pubbliku. Spjegat li barra minn hekk is-Suprintendenza għandna rwol qawwi ħafna fil-prevenzjoni u fil-protezzjoni u ħafna mill-miżuri li tieħu joħorġu mill-Att tas-Saħħa Pubblika, li jagħti dawk il-poteri lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u hemm ċerti ċirkustanzi fejn għandek ukoll id-*delegation of authority*. Tgħid li f'kuntest ta' pandemija, waħda mill-ikbar theddid li jista' jkollu pajjiz, bħalma anke qed naraw is-sitwazzjoni ta' bħalissa, huwa fejn ikollok mard infettiv li jkun qed jinfirex. Ix-xhud spjegat li jista' jkollok sitwazzjoni ta' epidemija, fejn pereżempju jkollok l-epidemija li jkollna ta' kull sena tal-influwenza, fejn dak huwa virus li jkun qed jinfirex imbagħad ikollok il-miżuri li tieħu tas-soltu biex tikkontrolla dan il-mard. Però jeżistu ċirkostanzi

[39] Dok. EGF1, EGF2, EGF3, EGF4 u EGF5, a fol. 70 *et seq.* tal-proċess.
[40] *A fol.* 179 *et seq.* tal-proċess.

fejn ikollok virus pjuttost xi ħaġa li hija ġdida, jew inkella xi virus li jkun inbidel u hemmhekk imbagħad is-Suprintendenza tkun trid tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa. Ix-xhud qalet li meta jkollok sitwazzjoni ta' pandemija, li hija sitwazzjoni fejn ikollok virus ġdid, li l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa tkun għamlet dikjarazzjoni ta' pandemija u ta' *public health emergency of international concern*, hemmhekk kull pajjiż, inkluż Malta għandu l-obbligu li jieħu miżuri addizzjonali biex ikun jista' jikkontrolla dan il-mard. Ix-xhud qalet li meta ġiet dikjarata din il-pandemija mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa, hawnhekk għandek virus li huwa ġdid, u allura l-mezzi ta' kontroll ta' dan il-virus huma differenti minn viruses oħrajn. Pereżempju fil-każ tal-influwenza għandek l-*vaccine*. Ix-xhud tgħid li hawnhekk għandek sitwazzjoni oħra fejn bħalissa għad m'hemmx il-*vaccine* u allura f'sitwazzjoni ta' pandemija, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, bil-funzjonijiet li għandu, hemmhekk jista' jieħu miżuri oħrajn dejjem skond l-Att.

Fir-rigward tal-kuntest Malti, il-Prof. Charmaine Gauci qalet li minn meta beda dan il-virus f'Wuhan, hawn Malta bdejna nsegwu s-sitwazzjoni u anke bdejna nagħmlu *assessment* tagħna ta' x'inhu r-riskju. Meta mbagħad bdejna naraw li din qiegħda tinfirex, hawn Malta mill-ewwel bdejna nieħdu l-miżuri tagħna biex nikkontrollaw speċjalment dawk il-każijiet li huma impurtati. Ix-xhud qalet li meta ġiet dikjarata bħala pandemija, hawn Malta rajna li nkomplu nsaħħu il-miżuri u proprju anke kif kien hawn l-ewwel każ hawn Malta, mill-ewwel bdew jiżdiedu l-miżuri addizzjonali skont l-Att tas-Sahha Pubblika. Ezempju l-Att tas-Saħħa Pubblika jagħti poter lis-Suprintendent li jiġu iżolati il-persuni li jiġu affettwati u li jiġu mpoġġija fi kwarantina. Ix-xhud qalet li hija għandha wkoll il-poter li jsiru testijiet fuq in-nies ħalli inti tara jekk dawn humiex infettati. Dawn huma miżuri li jittieħdu biex tiġi kontenuta s-

sitwazzjoni. Spjegat li l-Att tas-Saħħa Pubblika jagħti poteri oħrajn lis-Suprintendent biex tkun tista' tieħu miżuri addizzjonali fuq il-popolazzjoni. Ir-rwol tas-saħħa pubblika huwa li tipproteġi l-popolazzjoni kollha, allura l-miżuri li tieħu s-Suprintendenza jkunu qegħdin jaffettwaw skont il-konsiderazzjonijiet u l-*assessment* li jsiru fuq il-popolazzjoni ta' x'inhuma l-aħjar miżuri li jittieħdu biex tikkontrolla din is-sitwazzjoni fuq il-popolazzjoni kollha.

Dwar id-dikjarazzjoni ta' emerġenza tas-saħħa pubblika, ix-xhud qalet li din hija sitwazzjoni fejn mindu f'Malta kellna l-ewwel każijiet, il-virus baqa' għaddej u kellna numru ta' każijiet li baqgħu jinfirxu. Fil-bidu nett f'Malta kellna l-każijiet li kienu ġejjin minn barra minn Malta, dawk li ngħidulhom *imported cases*. Imbagħad hemmhekk kellna sitwazzjoni fejn minn dawk in-nies li ġew minn barra, dawn bdew jinfettaw nies oħrajn li kienu qrib tagħhom. Però l-pandemija baqgħet għaddejja u beda jinfirex il-virus fil-komunità wkoll. Ix-xhud qalet skont l-*assessment* li għamlet is-Suprintendenza, kellna sitwazzjoni ta' emerġenza tas-saħħa pubblika u bbażat fuq dan l-*assessment*, bħala Suprintendent iddikjarajt li b'effett mis-7 ta' Marzu, 2020 hawn sitwazzjoni ta' *public health emergency* proprju anki skont dak li joħroġ mill-Att, fejn il-liġi tagħti lok ukoll li jistgħu jittieħdu aktar miżuri.

L-intimata Prof. Gauci qalet li s-Suprintendenza timxi fuq *assessment* tekniku ta' kif jinfirex il-virus u tal-informazzjoni li jirċievu minn barra, ta' x'qed jiġri barra u x'kienu dawk il-miżuri li ħadu. Ix-xhud qalet li l-prinċipju ta' kontroll ta' dan il-virus huma ta' *social distancing* li inti jkollok persuni li ma jkunux qrib ta' xulxin, li inti tara li dawn il-persuni jkunu 'l bogħod minn xulxin għallinqas żewg metri. Spjegat li prinċipju importanti huwa li inti tevita li jkollok ħafna

nies li jkunu qrib ta' xulxin. Ix-xhud qalet li għandek ukoll *transmission* b'nies li m'għandhom l-ebda sintomi li ħa jkunu qegħdin barra jiltaqgħu ma' nies oħrajn. Ix-xhud qalet li fil-miżuri kollha u l-liġijiet li ħarġu, huma għamlu *risk assessment* ta' fejn huma dawk il-postijiet fejn inti jista' jkollok nies li jiltaqgħu ħafna ma' xulxin, imbagħad ħarġu l-miżuri fuq dan l-*assessment* tekniku li kienu għamlu.

Ix-xhud qalet li għandna sitwazzjoni fejn għandek virus ġdid li bħalissa m'għandekx *vaccine* ghalih, għadha għaddejja r-riċerka dwar it-*treatment* tiegħu u allura għandek sitwazzjoni fejn il-virus li qed jinfirex minn persuna għal oħra, u r-riskji huma kbar li jittieħed. Ix-xhud qalet li jekk ma niħdux il-miżuri li huma meħtieġa, u jekk ma nkunux qegħdin għajnejna fuq is-sitwazzjoni u nieħdu l-miżuri meħtieġa biex innaqqsu l-firxa, il-konsegwenzi huma kbar. Ix-xhud qalet li l-konsegwenzi huma li ser ikollok ħafna mill-popolazzjoni li ħa tiġi affettwata. Din għandha *attack rate* li huwa għoli, jigifieri taffettwa ħafna nies. Konsegwenzi oħrajn huma li jekk għandek nies li huma vulnerabbli speċjalment dawk li huma anzjani jew inkella għandek mard kroniku, dawn hemm ċans kbir li meta jaqbadhom il-virus, ħa jkollhom kumplikazzjonjiet u anke mwiet. Ix-xhud qalet li l-imwiet minn dan il-virus baqgħu vera ftit għaliex osservajna dawn il-miżuri kollha u pproteġejna lin-nies vulnerabbli u żammejna r-rata ta' *transmission* fil-komunità baxxa. Riskju kbir ieħor huwa li jekk ikollna *transmission* fil-komunità tagħna, is-servizzi tas-saħħa tagħna ma jkampawx għad-domanda li jkollna għan-numru ta' sodod li jkollna bżonn. L-intimata qalet li aħna nixtiequ li qatt ma niġu f'sitwazzjoni li jkollok tagħżel bejn pazjent u ieħor, lil min tpoġġi fuq il-*ventilator*.

Il-Prof. Gauci qalet li hawn Malta qegħdin nimxu kemm nistgħu fuq *containment strategy*, li inti tipprova *you contain the situation*, jiġifieri żżomm is-sitwazzjoni kemm jista' jkun stabbli, li inti dejjem ikollok taħt kontroll numru ta' każijiet u barra minn hekk ndaħħlu wkoll *mitigation factors* fejn inti tipprova f'kull sitwazzjoni tnaqqas iċ-*chances* li tkun tista' tittrasmetti lil ħaddieħor. Ix-xhud qalet li għalhekk nilbsu l-maskri, "hawnhekk mhux qegħdin *social distancing* f'dan il-Qorti. Naraw nies li qegħdin iktar qrib minn żewġ metri minn xulxin, allura r-riskju qiegħed hemmhekk u għalhekk aħna rridu proprju bħalissa f'din is-sitwazzjoni li qegħdin ilbisna l-maskri. Tajjeb ngħid ukoll li dan huwa *risk mitigation*. M'għandekx żgur li int mhux ħa titrasmetti lil ħaddiehor."

Rigward l-ordnijiet li hija ħarġet dwar il-Qrati, ix-xhud qalet li s-Suprintendenza għamlu *risk assessment* ta' diversi postijiet ħalli jaraw fejn huma dawk il-postijiet fejn għandek nies li qed jiltaqgħu u huma qrib ħafna ta' xulxin, speċjalment nies li s-soltu ma tiltaqax magħhom. Allura meta tiltaqa' ma' nies oħrajn li għandhom il-virus u mhux is-soltu tiltaqa' magħhom, ir-riskju huwa aktar għoli u proprju l-Qorti kien wieħed minnhom u kien għalhekk li hija ħarġet l-Avviz Legali 61/2020 fit-13 ta' Marzu, 2020, li jipprovdi li l-Qorti jingħalaq u jkollok l-*legal and judicial terms* li jiġu *suspended*. Però dan l-istess Avviż Legali juri wkoll li l-Qorti tista' tordna l-ftuħ tal-Qorti biex jinstemgħu każijiet li huma urġenti jew fl-interess pubbliku skont il-kundizzjonijiet permessibbli fil-pandemija, jiġifieri dawk il-*mitigation measures* li jinkludu li persuna tilbes il-maskra, li jkun hemm *social distancing*, li jitnaqqsu kemm jista' jkun in-nies li jkollhom għalfejn jidħlu l-Qorti. Ix-xhud tgħid li dawn huma kollha miżuri fejn ftaħt ir-riskju għaliex qed tippermetti nies li jidħlu, allura dak ir-riskju trid tnaqqsu kemm tista' u permezz ta'

*mitigation measures* tipprova tnaqqas ftit iktar minn dak ir-riskju. Ir-riskju xorta jibqa' hemm u ma tistax tnehhih kompletament. Ix-xhud qalet li mbagħad fis-16 ta' Marzu, 2020 bl-Avviż Legali 65/2020, li ġie effettiv mis-16 ta' Marzu, 2020, kien hemm l-għeluq tal-Qorti u tar-Registru. Ix-xhud qalet li b'effett mill-4 ta' Mejju, 2020 reġa' nfetaħ ir-Reġistru tal-Qorti.

Għal mistoqsijiet li sarulha in kontroeżami, l-intimata qalet li bħala struttura hija tifforma parti mid-Dipartiment tas-Saħħa. Qalet li hija speċjalizzata fis-saħħa pubblika u infatti hija *listed* bħala *health specialist* skont il-Health Care Professions Act ukoll. Qalet li imbagħad kienet *head infectious diseases unit* u imbagħad kienet għamlet disgħa snin direttur tal-*health promotion disease prevention directorate*, li taħtu kien ukoll jaqa' il-*public health infectious diseases unit*. Imbagħad ħadet lir-rwol ta' Suprintendent tas-Saħħa Pubblika li taħtu jaqgħu diversi direttorati, fosthom il-*health promotion disease prevention directorate*, l-*environmental health directorate*, il-*health care standards*. Ix-xhud qalet li litteralment minn meta speċjalizzajt fis-saħħa pubblika, il-mard infettiv kien proprju l-area li baqa' dejjem taħtha.

Għal mistosija li fl-Avviż Legali 61 u 65 tal-2020 m'hemmx xi kriterji oġġettivi li abbażi tagħhom għandhom jinfetħu l-Qrati, ix-xhud wieġbet li fl-ebda liġi ma sar hekk, imma meta pereżempju reġgħu nfetħu l-ħwienet, l-ordni tal-għeluq tneħħiet u sar il-ftuħ, marbut mal-ftuħ kien hemm ċerti kundizzjonijiet u l-istess jiġri fil-każ tal-Qorti. Għall-mistoqsija jekk ikunx prudenti f'dan l-istadju li tagħti data fissa meta ħa jerġgħu jinfetħu l-Qrati, il-Prof. Gauci qalet li tixtieq li tista' tkun taf dan, imma ma tistax tagħti data meta ser jerġgħu jinfetħu l-Qrati.

Ix-xhud ġiet mistoqsija mill-Qorti dwar is-sitwazzjoni ta' persuni arrestati preventivament, min qed jagħmel l-*assessment* tal-pożizzjoni tagħhom, dwar x'miżuri jistgħu jittieħdu biex il-kumpilazzjonijiet tagħhom ikun jista' jissokta s-smigħ tagħhom, jekk dan ikunx possibbli li jsir jekk jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha li jistgħu jittieħdu, min qed jevalwa, mhux ir-riskji għas-saħħa, għax dak l-*assessment* isir mis-Superintendent innifisha, imma tad-drittijiet legali tagħhom, il-fatt li dawn qegħdin arrestati għal żmien indefinit, jistgħux jittieħdu l-prekawzjonijiet fil-bini tal-Qorti sabiex jitkompla s-smigħ tal-kumpilazzjoni tagħhom. Għal dawn id-domandi tal-Qorti, ix-xhud wieġbet li min qed jagħmel dan l-*assessment* mhuwiex fil-kompitu tagħha għax hija min-naħa ta' saħħa pubblika. Qalet li però l-Legal Notice jagħti l-lok li l-Qorti tiddeċiedi li fejn ikun hemm każijiet urġenti jew inkella ta' natura ta' *public interest,* dawk il-każijiet jistgħu jinstemgħu u min-naħa tas-Suprintendenza ngħataw pariri ta x'inhuma il-miżuri li għandhom jittieħdu proprju f'dik iċ-ċirkostanza.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Dak li għandha quddiemha l-Qorti f'din il-kawża mhijiex talba għall-ħelsien tar-rikorrent mill-arrest preventiv, imma talba sabiex tindaga jekk (i) bl-għeluq tal-Qrati b'effett tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020 u s-sospensjoni *sine die* tas-smigħ tal-kumpilazzjoni li kienet għaddejja fil-konfront tar-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja; (ii) bil-fatt li l-atti tal-kumpilazzjoni kienu jinsabu rinvjati għand l-Avukat Ġenerali li ma kienx bagħat l-atti tal-kumpilazzjoni lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja biex tkompli bil-kumpilazzjoni għaliex mal-għeluq tal-Qrati u

r-reġistri ġew ukoll sospiżi t-termini legali u ġudizzjarji; u (iii) bil-mod kif ġew interpretati l-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020 permezz tad-digriet mogħti nhar it-8 ta' April 2020 mill-Qorti Kriminali, ġewx leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti bl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid li l-ebda persuna m'għandha tiġi mċaħħda mill-libertà personali tagħha ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi, meta *inter alia* jkun jeżisti suspett raġonevoli li hija tkun ikkommettiet, jew tkun sejra tikkommetti, reat kriminali.[41] Jekk xi ħadd li jkun ġie arrestat jew detenut fuq suspett raġonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkun sejjer jikkommetti, reat kriminali, ma jiġix iġġudikat fi żmien raġonevoli, f'dak il-każ, bla ħsara għal kull proċeduri oħra li jistgħu jinġiebu kontra tiegħu, huwa għandu jiġi meħlus jew bla kondizzjoni jew b'kondizzjonijiet raġonevoli, magħduda b'mod partikolari dawk il-kondizzjonijiet li jkunu meħtieġa raġonevolment biex jiġi żgurat li huwa jidher f'data aktar tard għall-kawża jew għall-proċeduri preliminari għall-kawża.[42] Ebda ħaġa li hemm fi jew li tkun magħmula bl-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu sa fejn il-liġi inkwistjoni tawtorizza t-teħid matul dak il-perijodu ta' emerġenza pubblika skont ma huwa msemmi fil-paragrafu (a) jew (ċ) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' miżuri li jkunu raġonevolment ġustifikabbli sabiex tiġi affrontata s-sitwazzjoni li teżisti matul dak il-perijodu ta' emerġenza pubblika.[43] "Perijodu ta' emerġenza pubblika" jfisser kull perijodu li matulu - (a) Malta tkun qiegħda f'xi gwerra; jew (b) tkun isseħħ proklama mill-President li tiddikjara li jeżisti stat ta' emerġenza

[41] Artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.
[42] Artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.
[43] Artikolu 34(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

pubblika; jew (ċ) tkun isseħħ riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li jkun hemm jaqblu magħha l-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra li tiddikjara li l-istituzzjonijiet demokratiċi f'Malta huma mhedda b'sovversjoni.[44]

L-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jipprovdi illi kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna, u ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu ħlief *inter alia* fejn l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata ikunu saru sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat.

Ir-rikorrenti jikkontendi li d-deċiżjonijiet li ttieħdu mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika rigward il-pandemija tal-COVID-19, permezz tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020, kienu ta' preġudizzju għalih peress li qiegħed jinżamm arrestat mingħajr il-possibilità li tissokta l-Kumpilazzjoni Numru 720/19 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u għalhekk huwa qiegħed jinżamm arrestat arbitrarjament u b'mod indefinit bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu ta' protezzjoni minn arrest illegali u arbitrarju kif sanċit permezz tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Min-naħa tagħhom l-intimati jsostnu illi jekk wieħed jeżamina l-ordnijiet li nħarġu mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'riferiment għall-Qrati, jidher biċ-ċar li filwaqt li permezz tal-imsemmija avviżi legali ngħalqu l-Qrati u r-

[44] Artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

reġistri b'effett mis-16 ta' Marzu, 2020, xorta waħda dawn l-avviżi legali ħasbu sabiex dawk il-kawżi li l-Qrati jħossu li huma urġenti jew ta' interess pubbliku jitkomplew u dan bis-salvagwardji kollha li l-qorti partikolari tista' timponi. L-intimati jissottomettu li fil-każ tar-rikorrenti, jirriżulta li anke meta r-reġistru u l-qrati kienu magħluqa, xorta waħda kull talba tar-rikorrenti għall-ħelsien mill-arrest ġiet appuntata, mismugħa u deċiża. Illi l-fatt li t-talba li għamel ir-rikorrenti sabiex tkompli l-kumpilazzjoni tiegħu ġiet miċħuda mill-Qorti minħabba konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika, b'daqshekk ma jfissirx li l-ordnijiet tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'xi mod jiksru d-dritt tal-libertà tar-rikorrenti. L-intimati jgħidu li l-ordnijiet maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika ma nħargux b'mod kapriċċuż, iżda nħarġu f'kuntest ta' pandemija sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika.

Ir-rikorrent iwieġeb għal dan billi jgħid li bid-digriet tagħha tat-8 ta' April, 2020, il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba tiegħu biex tissokta l-kumpilazzjoni abbażi li l-konsiderazzjoni tas-saħħa pubblika, inkluż tar-rikorrent innifsu, kellha tipprevali fuq kull konsiderazzjoni oħra. Il-Qorti Kriminiali qalet *obiter* li wara li 'qieset l-element tal-urġenza u l-interess pubbliku li l-kompilazzjoni ta' provi f'kawża kriminali ġġorr magħha f'keffa minnhom, kif ukoll id-delikatezza tas-sitwazzjoni u r-riskju tat-tixrid tal-marda COVID-19 jekk il-kompilazzjoni tiġi ordnata li tissokta ... għanda tipprevali l-konsiderazzjoni tas-saħħa pubblika ... inkluż dik tar-rikorrent innifsu'. Ir-rikorrent jissottometti li in vista tal-interpretazzjoni tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020 li ngħatat mill-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha tat-8 ta' April, 2020, il-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tiegħu taħt arrest preventiv hija waħda arbitrarja, indefinita u ċċaħħdu minn li jikseb rimedju effettiv għar-reviżjoni tal-ħelsien, u dan b'leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni

ta' Malta u l-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem kif moqri mal-artikolu 5(3) tal-istess Konvenzjoni u tal-artikolu 5(4) tal-istess Konvenzjoni.

Il-Qorti tqis li kull kumpilazzjoni fir-rigward ta' persuni li jinsabu taħt arrest preventiv, li pendenti li jiġu pproċessati huma preżunti li huma innoċenti sakemm ma jkunx hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tagħhom, kellha *a priori* tkun ikkunsidrata li hija urġenti, u ma kellhiex tkun soġġetta għal ebda proċedura ta' rikorsi dwar l-urġenza jew l-interess pubbliku. Tali proċeduri jistgħu jagħtu lok għal interpretazzjoni differenti minn ġudikanti differenti tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020, jekk mhux ukoll jistgħu jwasslu għal deċiżjonijiet konfliġġenti u inkonsistenti. Dan meta s-sitwazzjoni fejn is-smigħ tal-kumpilazzjonijiet kollha kien jinsab sospiż *sine die*, kienet waħda identika għal kull min kien jinsab taħt arrest preventiv. Għalhekk l-imsemmija kumpilazzjonijiet kellhom jitqiesu *a priori* li kienu kollha urġenti, għaliex in segwitu għall-promulgazzjoni tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020, il-persuni kollha li kienu jinsabu taħt arrest preventiv, spiċċaw fl-istess sitwazzjoni, bis-smigħ tal-kumpilazzjoni tagħhom sospiż *sine die* b'mod indefinit. Dan apparti li kellu jkun ikkunsidrat li f'kull każ kien hemm involuti l-istess konsiderazzjonijiet bażiċi ta' kif f'sitwazzjoni ta' pandemija u ta' emerġenza ta' saħħa pubblika, għandu jinżamm bilanċ xieraq u ġust bejn konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika u d-drittijiet fundamentali tal-individwu. Bl-applikazzjoni tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020 mill-ġudikant fuq talba *ad hoc* permezz ta' rikors, inħolqot sitwazzjoni anomala fejn is-smigħ u l-produzzjoni ta' provi f'ċerti kumpilazzjonijiet fil-konfront ta' persuni arrestati, tkompla anki fil-każ ta' persuni li kienu ġew meħlusa mill-arrest fuq pleġġ, u f'kumpilazzjonijiet

oħrajn ta' persuni li jinsabu taħt arrest preventiv, is-smigħ ma tkomplix u kien jinsab sospiż *sine die*, bħal fil-każ tar-rikorrent.[45]

Tqis ukoll li fejn il-liġi tal-pajjiż tippermetti ċ-ċaħda tal-libertà, tali liġi trid tkun suffiċjentement aċċessibbli, preċiża u prevedibbli fl-applikazzjoni tagħha, sabiex jiġi evitat kull riskju ta' arbitrarjetà. F'tali liġi għandu jkun hemm salvagwardji kontra l-arbitrarjetà li jkunu jinkludu l-eżistenza ta' dispożizzjonijiet legali ċari sabiex tiġi ordnata d-detenzjoni, tiġi estiża d-detenzjoni u sabiex jiġu stabbiliti limiti taż-żmien għad-detenzjoni.[46] Dispożizzjonijiet tal-liġi ċari u l-prinċipju taċ-ċertezza legali, għandhom ifissru li l-liġi nnifisha għandha tkun prevedibbli fl-applikazzjoni tagħha.[47] Is-sospensjoni *sine die*, ossija t-twaqqif għalkollox taż-żmien għas-smigħ ta' kumpilazzjoni, ma jista' qatt jitqies li huwa wieħed raġonevoli. Fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Ammur v. France**[48] u **Baranowski v. Poland**[49] jingħad li l-fatt li d-detenzjoni tkompli għall-perijodu illimitat u mhux prevedibbli, għandu jitqies li jmur kontra l-prinċipju taċ-ċertezza legali.

Tqis ukoll illi fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Medvedyev v. France**[50] ntqal li huwa essenzjali:

> *"that the conditions for deprivation of liberty under domestic law and/or international law be clearly defined and that the law itself be foreseeable in its application, so that it meets the standard of 'lawfulness' set by the Convention, a standard which requires that all be sufficiently precise to avoid all risk of arbitrariness and to allow the citizen – if need be, with appropriate advice – to*

---

[45] Ara d-dokument li jinsab esebit *a fol.* 177 *et seq.* tal-proċess.
[46] J.N. v. the United Kingdom, § 77, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.
[47] Del Río Prada v. Spain [GC], § 125; Creangă v. Romania, § 120; and Medvedyev and Others v. France [GC], § 80).
[48] (App. 19776/92), 25.06.1996.
[49] (App. 28358/95), 28.03.2000.
[50] ECHR-2010; 51 EHRR 899 para. 80 GC.

> *forsee, to a degree that is reasonable in the circumstances of the case, the consequences which a given action may entail."*

Ikkunsidrat ukoll illi fis-sentenza fl-ismijiet **Edwin Bartolo et *vs.* Aġent Reġistratur tal-Qrati et**[51] il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) ġie ddikjarat li bid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati fuq rikorsi tar-rikorrenti biex tiġi akkordata lilhom il-libertà provviżorja, f'liema digriet irriservat li tipprovdi dwar it-talba għal-libertà provviżorja fl-ewwel seduta tal-kumpilazzjoni, u dan meta ma kienx hemm data ffissata għal dik is-seduta, saret vjolazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, tad-dritt fundamentali għal-libertà personali sanċita bl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u 34 tal-Kostituzzjoni u ordnat li l-Qorti tal-Maġistrati tittratta r-rikors tagħhom. Fuq appell tal-intimati, l-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel qorti, però billi fil-frattemp ir-rikors għal-libertà provviżorja kien ġie ttrattat u deċiż, ġie ddikjarat eżawrit il-mertu tal-ordni mogħti mill-Prim Awla.

Tqis dak li intqal mill-**European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment**[52] -

> *"Any restrictive measure taken vis-à-vis persons deprived of their liberty to prevent the spread of COVID-19 should have a legal basis and be necessary, proportionate, respectful of human dignity **<u>and restricted in time</u>**.*[53]*"*

[51] P.A. (Sede Kostituzzjonali) 11.04.1989 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali 15.02.1991.
[52] Statement of principles relating to the treatment of persons deprived of their liberty in the context of the coronavirus disease (COVID-19) pandemic issued on 20 March 2020 - European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment (CPT) Council of Europe - CPT/Inf(2020)13.
[53] Enfasi ta' din il-Qorti.

Tqis ukoll dak li ntqal minn **Free Trials International**[54] -

> *"The administration of justice cannot come to a total standstill, whatever the circumstances.* ***It is essential that states continue to carry out essential functions, including the processing of criminal cases, and safeguarding the rights and welfare of criminal defendants, especially those who are detained.***[55] *Many states have temporarily postponed all non-urgent court hearings, but with no clear end of the crisis in sight, various jurisdictions across the world are seeking ways to keep the courts running through means of remote access, including via videolink or telephone hearings.We welcome the fact that states are taking extraordinary measures to keep their criminal justice systems operational, preventing lengthy delays in criminal proceedings,* ***and ensuring that urgent matters, such as pre-trial detention hearings, are not postponed***.[56]*"*

Tqis ukoll illi meta l-intimata s-Suprintendent għas-Saħħa Pubblika xehdet f'din il-kawża u ġiet mistoqsija mill-Qorti dwar is-sitwazzjoni ta' persuni li jinsabu taħt arrest preventiv, dwar min qiegħed jagħmel l-*assessment* tal-pożizzjoni tagħhom, dwar x'miżuri jistgħu jittieħdu biex il-kumpilazzjonijiet tagħhom jkunu jistgħu jissoktaw, jekk dan ikun possibbli li jsir jekk jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha li jistgħu jittieħdu, hija wieġbet li dan l-*assessment* mhuwiex fil-kompitu tagħha għax hija min-naħa ta' saħħa pubblika. Qalet li però l-Legal Notice tagħti l-lok li l-Qorti tiddeċiedi li fejn ikun hemm każijiet urġenti jew inkella ta' interess pubbliku, dawk il-każijiet jistgħu jinstemgħu u min-naħa tas-Suprintendenza ngħataw pariri ta x'inhuma il-miżuri li għandhom jittieħdu proprju f'dik iċ-ċirkostanza.

Illi fir-rigward tad-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-8 ta' April, 2020, tqis illi f'sitwazzjoni ta' emerġenza ta' saħħa pubblika, il-Qrati m'għandhomx jitpoġġew fil-pożizzjoni li jkollhom jidħlu fil-mertu dwar jekk il-

[54] Safeguarding the right to a fair trial during the coronavirus pandemic: remote criminal justice proceedings - Fair Trials International, 2020.
[55] Enfasi ta' din il-Qorti.
[56] Enfasi ta' din il-Qorti.

konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika għandhomx jipprevalu fuq id-drittijiet fundamentali tal-individwu, għax bl-istess argument l-ebda kumpilazzjoni m'għandu jitkompla s-smigħ tagħha, jekk fi kwalunkwe każ għandhom jipprevalu l-konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika fuq kull konsiderazzjoni oħra.

Tirrileva illi l-Qrati għandhom jiddeċiedu biss dwar l-elementi tal-urġenza u tal-interess pubbliku fl-ambitu tal-Avviżi Legali 61 u 65, u f'każ li tiġi milqugħa t-talba dwar l-urġenza u/jew l-interess pubbliku, huwa l-kompitu tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika li għandha tiżgura li f'sitwazzjoni fejn il-Qrati jinsabu magħluqa fuq ordni tagħha stess, li tiddeċiedi kif u b'liema mod għandhom jiġu organizzati l-awli u l-kurituri tal-Qrati u liema miżuri preventivi u ta' mitigazzjoni għandhom jittieħdu, sabiex ikunu jistgħu jinstemgħu kawżi ta' natura urġenti u/jew ta' interess pubbliku.

Illi fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, ir-*risk assessment* dwar il-parti tal-bini tal-Qorti li hija aċċessibbli għall-pubbliku, awli, kurituri eċċ, f'xenarju reali u mhux ipotetiku, fejn il-kumpilazzjonijiet kollha li jinvolvu persuni li jinsabu taħt arrest preventiv[57], għandu jissokta s-smigħ tagħhom, kellu jsir mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u mhux ikunu l-Qrati li jridu jevalwaw jekk konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika għandhomx jipprevalu fuq id-drittijiet fundamentali tal-individwu jew jekk fil-kurituri u fl-awli tal-Qorti hemmx ambjent sigur biżżejjed li jkun jippermetti li s-smigħ tal-kumpilazzjonijiet kollha ta' persuni li jinsabu taħt arrest, jissokta b'mod immedjat u ma jibqax sospiżi *sine die*. Mhuwiex ġust li ntefa' dan l-oneru fuq il-Qrati permezz tal-artikolu 3(2) tal-Avviżi Legali 61/2020, fejn jingħad li s-smigħ ta' kawżi urgenti

[57] Fi tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari Nru 13624 li ngħatat fis-27 ta' Marzu, 2020 mill-Onor. Ministru għall-Intern, Sigurtà Nazzjonali, u Infurzar tal-Liġi, intqal li bħalissa hemm 231 persuna li jinsabu taħt arrest preventiv.

u jew fl-interess pubbliku huwa "soġġett għal xi arranġamenti speċifiċi għall-ħarsien kontra u, jew għall-kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv li l-Qorti tista' tiddetermina". Ċertament li m'għandux ikun il-kompitu tal-Qrati li jevalwaw ir-riskji għal dik li hija saħħa pubblika fis-sitwazzjoni preżenti, u jekk l-ambjenti tal-Qrati humiex adegwatament sikuri fiċ-ċirkostanzi u x'miżuri ta' mitigazzjoni għandhom jittieħdu għal dan il-għan. Dan huwa strettament il-kompitu tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati, li għandhom jiżguraw li jsir l-isemmi *risk assessment* sabiex is-sistema ġudizzjarja ta' pajjiżna, anki permezz ta' użu aktar mifrux u effettiv tat-teknoloġija tal-informatika, tkun tista' tiffunzjona b'mod sikur f'sitwazzjoni fejn is-smigħ tal-kumpilazzjonijiet kollha fil-konfront ta' persuni li jinsabu taħt arrest preventiv, ma jibqax sospiż *sine die*, u jkun jista' jissokta b'mod immedjat.

Il-Qorti hija tal-fehma li m'għandhiex tidħol fil-mertu ta' jekk fil-kuntest preżenti tal-pandemija COVID-19 kellhiex tiġi dikjarata emerġenza pubblika *ai termini* tal-artikoli 47(2)(b) u 34(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Imma l-Qorti tqis li ladarba fis-sitwazzjoni preżenti ma nħarġitx Proklama mill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta skont l-artikolu 47(2)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, imma ġiet iddikjarata biss emerġenza tas-saħħa pubblika *ai termini* tal-artikolu 14 tal-Att dwar is-Saħħa Pubbllika, il-kumpilazzjonijiet ta' persuni li jinsabu taħt arrest preventiv ma setgħux jiġu sospiżi *sine die* b'mod indefinit bi ksur tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti tqis illi sabiex iseħħ dak li ġie kkontemplat mill-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, illi konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika, u dak li l-intimati jsejħu "id-dritt għall-ħajja", jipprevalu fuq id-drittijiet fundamentali tal-persuna, kellha tinħareġ Proklama mill-Eċċellenza Tiegħu

President ta' Malta *ai termini* tal-artikoli 47 u 34 tal-Kostituzzjoni u jiġi dikjarat stat ta' emerġenza nazzjonali u tintalab deroga *ai termini* tal-artikolu 15 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Fi Stat ta' Dritt u f'sitwazzjoni fejn ma jkunx ġie dikjarat stat ta' emerġenza pubblika permezz ta' Proklama mill-Eċċellenza Tiegħu President ta' Malta, id-dispożizzjonijiet tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020, jibqgħu soġġetti għal u m'għandhomx jitqiesu li huma 'l fuq mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti fl-artikoli 34 u 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.[58]

Ir-rikorrent isostni li huwa m'għandux reviżjoni effettiva tal-arrest tiegħu peress li l-Avukat Ġenerali ma kienx bagħat lura l-atti tal-Kumpilazzjoni Numru 720/19 sabiex ikun jista' jissokta s-smigħ tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, għaliex qiegħed jgħid li mal-għeluq tal-Qrati u r-reġistri, ġew ukoll sospiżi t-termini legali u ġudizzjarji. Kif ppronunzjat ruħha diġà, il-Qorti tqis illi s-sospensjoni indefinita tas-smigħ tal-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrent *ai termini* tal-Avviżi Legali 61 u 65 tal-2020, illediet d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti bl-artikolu 34 u 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk tqis ukoll li l-Avukat Ġenerali ma kellux jistrieħ fuq l-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020 sabiex ma jirrinvjax l-atti tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u jkun jista' jissokta s-smigħ tal-kumpilazzjoni.[59]

---

[58] *"L'eccezionalità della situazione conseguente all'epidemia del coronavirus, può giustificare interventi normative eccezionali purché compatibili con la Costituzione. Le norme contenute nel recente D.L. "Cura Italia" che dispongono la sospensione di procedimenti penali mostrono profili di illegitimità costituzionale laddove comportano dilatazioni della custodia cautelare irragionevoli e con effetto retroattivo nonche ingiustificati prolungamento dei termini di prescrizione."* – **L'imputato ai tempi del COVID – 19**, **Diritto e Procedura Penale**, Luigi Stortoni, 16.04.2020.

[59] L-Avukat Ġenerali invoka l-artikolu 786(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex permezz ta' nota ppreżentata fil-25 ta' Mejju, 2020, u ċioé meta din il-kawża kienet diġà mħollija għas-sentenza, jinforma lill-Qorti illi b'digriet tad-19 ta' Mejju,

Tqis ukoll illi ladarba li bir-rimedju li ser jingħata b'din is-sentenza, għandha titneħħa s-sospensjoni *sine die* tas-smigħ tal-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrent u l-atti tal-kumpilazzjoni jiġu rinvjati mill-Avukat Ġenerali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, hija l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li qegħdin jinstemgħu l-provi quddiemha, li tinsab fl-aħjar pożizzjoni li tagħmel reviżjoni tal-ħelsien mill-arrest tar-rikorrent skont il-liġi.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tiddikjara illi bis-sospensjoni *sine die* tas-smigħ tal-Kumpilazzjoni Numru 720/2019 Il-Pulizija (Spettur K. Arnaud) (Spettur K. Zahra) *vs.* Yorgen Fenech b'effett tal-applikazzjoni tal-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020, seħħ ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti bl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.**

2. **Tqis għalhekk illi l-Avukat Ġenerali ma kellux jistrieħ fuq l-Avviżi Legali 61/2020 u 65/2020 sabiex ma jirrinvjax l-atti tal-Kumpilazzjoni Numru 720/2019 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, u ma jissoktax is-smigħ tal-istess kumpilazzjoni.**

---

2020 il-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Edwina Grima) awtorizzat ir-rinvjar tal-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Yorgen Fenech' u t-tkomplija tas-smigħ tal-kumpilazzjoni mertu ta' din il-kawża u bil-fatt li l-atti ser jiġu rinvjati lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja llum stess.

**3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrent.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura huma a karigu tal-intimati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**